Vol 46
Nru 228
April - Ġunju 2025

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2025

comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*Ċelebrazzjoni ta' S. Anna f'Sefforis (www.custodia.org)*

# Werrej


7


15


22



27

7 Il-Knisja ta' Sant'Anna f'Sefforis

15 L-Apokalissi (7)

22 Ir–Raba' Għanja tal–Qaddej ta' Jaħweh (Is 52,13 – 53, 1-12)

27 Storja tal-Poplu Magħżul mill-Eżilju sal-Ġudajiżmu Rabbiniku (2)

39 Li Temmen: Kundizzjoni għad-Dixxipulat fl-Evanġelju skont San Ġwann



39

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## PERJODU TA' TRANSIZZJONI

L-Art Imqaddsa dejjem kienet post ta' bidliet radikali u transizzjoni minn sitwazzjoni għal oħra. L-istorja tal-poplu Lhudi kienet storja ta' poplu li jgħix f'art li kienet taqa' taħt il-ħakma tas-superpotenzi ta' diversi epoki: l-Eġittu, l-Assirja, Babilonja, il-Greċja, Ruma. Dan kien iġib taqlib u spostamenti ta' popolazzjonijiet sħaħ. Kien ifisser ukoll li l-kultura tal-poplu Lhudi ġiet ukoll magħġuna minn dawn il-popli li ħakmu l-Art Imqaddsa.

Anke llum l-istorja tal-Art Imqaddsa għadha storja ta' bidliet u transizzjoni. Kull min iżur l-Art Imqaddsa b'mod regolari ċertament jinnota kif dan il-pajjiż dejjem jinbidel. Minn art li kienet tfakkrek fi żminijiet bikrin ta' pajsaġġ rustiku li jixbah sew lil dak f'Malta, bl-għoljiet għerja, siġar taż-żebbuġ, ħitan tas-sejjieħ, illum l-Art Imqaddsa tidher, f'ħafna bnadi, bħala foresta ta' bini għoli u bliet kbar, toroq li dejjem jiżdiedu, traffiku intens, u popolazzjoni li qabżet l-10 miljun abitant. Mhux tant bogħod minn dak li qed nesperimentaw anke f'pajjiżna.

Is-sitwazzjoni politika tal-Art Imqaddsa qatt ma kienet stabbli, u llum hi inqas minn qatt qabel. Il-konflitt etniku-reliġjuż-politiku bejn id-diversi popli li jgħixu f'din l-art wasal għal livelli li huma allarmanti. Hemm min jgħid li l-mibegħda li issa tnisslet se jkun diffiċli



*Il-Papa Franġisku fl-Art Imqaddsa*

ħafna li tiġi mrażżna, u li l-Art Imqaddsa mhix se tkun dik li kienet sa ftit snin ilu. Dan kollu jmiss mhux biss il-popolazzjoni lokali, magħmula prevalentement minn Israeljani Lhud, Israeljani Għarab, Palestinjani Musulmani, Palestinjani Kristjani, Druż u Kristjani immigrati li jgħixu f'Israel, imma wkoll lit-turisti u l-pellegrini li sa issa kienu qed imorru bi ħġarhom sa ma waslu anke għal 3 miljuni fis-sena. Min imur illum fl-Art Imqaddsa bħala pellegrin ikollu jadatta ruħu għal sitwazzjoni mibdula li ma nafux kif se tiżviluppa.

Minkejja dan kollu u minkejja t-tensjoni kollha li naraw quddiemna fil-medja soċjali ta' kuljum, l-Art Imqaddsa tibqa' għalina l-Insara post ta' tama f'ġejjieni aħjar. Għalkemm Ġerusalemm tal-art tibqa' l-belt tal-firdiet, imma nkomplu nemmnu li għad issaltan Ġerusalemm tas-sema, li fiha jkun hemm il-paċi u l-ġustizzja. Il-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa għandha dan l-iskop li tkompli tkun xaqq ta' dawl u ta' tama f'ġejjieni aħjar.

Rajna l-bidla sseħħ fl-atteġġjamenti u l-isforzi ta' paċi u rikonċiljazzjoni min-naħa tal-kapijiet Insara f'dawn l-aħħar snin. Il-preżenza Kattolika fl-Art Imqaddsa, għalkemm hi minoranza li donnha tintilef bħal qatra ilma fl-oċejan, hi preżenza li titkellem u li għandha rwol importanti biex tibni pontijiet ta' djalogu lejn paċi dejjiema. Dan l-isforz narawh fil-kliem li ta' spiss itenni l-Kardinal Pierbattista Pizzaballa, Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini. Rajnih diġà fil-messaġġi tal-Papa Leone XIV, li wera x-xewqa li joffri l-għajnuna tiegħu fil-proċess ta' paċi quddiem id-drama kerha tal-popolazzjoni ta' Gaża, fuq xifer il-ġuħ, u quddiem il-problema tal-ħelsien tal-ostaġġi Israeljani li għadhom maqbudin.

It-transizzjoni qed tinħass ukoll fil-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa. Ninsabu

fil-mument li fih qed nistennew il-ħatra tal-Kustodju l-ġdid, wara li se jtemm il-kariga tiegħu wara 9 snin P. Francesco Patton. Il-Kustodju għandu rwol importanti fl-ekwilibrju delikat tal-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Hu mhux biss il-mexxej spiritwali ta' madwar 300 patri li jgħixu bħala missjunarji fil-Kustodja, imma wkoll irid jiggarantixxi l-kontinwità tal-azzjoni liturġika, pastorali, edukattiva u karitattiva fost l-insara tal-Art Imqaddsa. Dan irid jagħmlu f'kull mument tal-istorja, kemm dawk li huma trankwilli kif ukoll mumenti oħrajn ta' tensjoni bħalma hu l-mument li fih ninsabu issa. Lill-Kustodju l-ġdid, li ċertament ikun maħtur meta toħroġ din ir-Rivista, nawgurawlu ħidma fejjieda u nitolbu għalih. Anke l-Kustodja tal-Art Imqaddsa qed tara bidliet radikali li forsi qatt ma rathom qabel, fis-sens li, waqt li sa ftit deċennji ilu l-patrijiet kienu jiġu l-aktar mill-pajjiżi Ewropej (Italja, Spanja, Portugal, Franza, Ġermanja, Ingilterra, Polonja, Kroazja, u anke Malta) jew inkella mill-Amerika ta' fuq jew Amerika Latina, issa hemm numru sabiħ ta' patrijiet li huma indiġeni fl-Art Imqaddsa (Eġizzjani, Israeljani, Palestinjani, Ġordani, Sirjani, Libaniżi, Iraqini), u numru ieħor li ġejjin minn diversi pajjiżi tal-Afrika u tal-Asja. Dan ifisser li l-Kustodja dejjem qed issir aktar internazzjonali, u dan hu fattur pożittiv, imma li jġib miegħu wkoll sfidi ġodda għall-konvivenza f'ambjent interkulturali mħallat.

It-transizzjoni hi dejjem proċess li jitlob paċenzja u perseveranza. Hi wkoll proċess ta' kuraġġ. Nhar id-diskors tiegħu ta' Ħadd il-Palm, il-Kardinal Pizzaballa qal: "Aħna konxji li qed ngħixu fi żminijiet diffiċli. Imma aħna mhux qegħdin hawn illum biex nitkellmu biss fuq tbatija. Aħna qegħdin hawn biex inxandru bil-qawwa li aħna ma nibżgħux. Aħna wlied id-dawl, ulied il-qawmien mill-mewt, ulied il-ħajja. Aħna nemmnu fl-imħabba li tirbaħ lil kulħadd."

Irridu niftakru li l-fidi Kristjana li ġiet tramessa mill-Art Imqaddsa bil-ħidma tal-appostli kienet dejjem messaġġ miftuħ għall-bidla u li kellu jgħaddi minn persekuzzjoni u tbatija biex ippersevera u rabba l-għeruq fis-sensibilità tal-Kristjani li jgħixu f'dan ir-reġjun. Quddiem dinja li tinbidel, quddiem atti ta' vjolenza u gwerer li jheddu d-drittijiet umani tal-minoranzi reliġjużi, quddiem l-estremiżmu nazzjonalistiku li donnu qed jherri l-qafas tas-soċjetà anke f'pajjiżi li jqisu lilhom infushom bħala demokratiċi, il-messaġġ Kristjan li twassal il-Knisja jibqa' dejjem wieħed ta' tama u fiduċja. L-Art Imqaddsa tibqa' xhieda tal-fatt li l-Kristjani ma jibżgħux quddiem bidliet radikali, imma jippruvaw jadattaw ruħhom bi spirtu evanġeliku biex ikunu ħmira ta' tama quddiem dinja bil-għatx għad-don tal-paċi.



*Kardinal Pizzaballa waqt Ħadd il-Palm*



# IL-KNISJA TA' SANT'ANNA F'SEFFORIS

*Noel Muscat ofm*

Is-sit arkeoloġiku ta' Sefforis (Sepphoris), bil-Lhudi Tzipori u bl-Għarbi Saffuriya, jinsab madwar 6 kilometri lejn il-majjistral ta' Nazaret fil-Galilija. Hu mibni fuq għolja 286 metru fuq il-livell tal-baħar u jħares fuq il-Wied ta' Netofa. Hu wieħed mill-aktar siti arkeoloġiċi importanti f'Israel, għax fih fdalijiet ta' żminijiet Ellenistiċi, Rumani, Biżantini, Iżlamiċi, Kruċjati u Ottomani.

Fl-epoka Rumana l-belt kien jisimha Diocaesarea, u kienet il-kapitali amministrattiva tal-Galilija sas-sena 23 w.K., meta din ġiet trasferita lejn Tiberija. Sefforis kienet ukoll il-post li fih diversi Lhudi marru joqogħdu wara r-ribelljoni ta' Bar Kokhba fis-sena 135 w.K., u diversi rabbini kienu għamlu minnha ċentru reliġjuż u kulturali Lhudi, kif jixhdu l-fdalijiet ta' sinagoga. Dan sas-seklu 5, meta mbagħad il-belt saret aktar kosmopilita u kien fiha wkoll komunità Kristjana mmexxija minn isqof. L-istoriku Lhudi Josephus Flavius isejjaħ lil Sepphoris "il-ġawhra tal-Galilija".

Sa mill-qedem Sefforis kienet meqjusa bħala l-belt li fiha għexet Marija, Omm Ġesù, u Ġwakkin u Anna, il-ġenituri tagħha li jissemmew fil-kitba apokrifa tal-Protovanġelu ta' Ġakbu, għalkemm din il-kitba tqiegħed lill-ġenituri ta' Marija f'Ġerusalemm, qrib it-Tempju, fejn illum ukoll għad hemm il-knisja Kruċjata ta' Sant'Anna li tfakkar il-post tat-twelid tal-Verġni Marija.

Hawnhekk mhux skop tagħna li nitkellmu dwar il-fdalijiet arkeoloġiċi estensivi tas-sit ta' Sefforis, imma pjuttost li nieqfu fuq parti mill-fdalijiet li tinsab kemmxejn barra miċ-ċentru fuq ix-xaqliba tal-majjistral tas-sit arkeoloġiku. Hawnhekk, sa mill-1841 il-Kustodja tal-Art Imqaddsa tħares fdalijiet ta' knisja Kruċjata ddedikata lil Sant'Anna, li llum huma taħt il-kura tal-Istitut tal-Verb Inkarnat, li jilqgħu l-pellegrini. F'dan l-artiklu se nitkellmu minn dan is-Santwarju li jfakkarna fit-tfulija ta' Marija u li fih, ta' kull sena, nhar is-26 ta' Lulju, l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, l-aktar il-fraternità ta' Nazaret, imorru jiċċelebraw il-festa tal-ġenituri ta' Marija flimkien mal-insara Kattoliċi tal-Galilija.

## Sefforis fl-era Kruċjata

Billi l-fdalijiet tal-belt ta' Sefforis jinsabu fuq għolja li fiha hemm nixxigħat tal-ilma, u billi tinsab ukoll fuq it-triq ewlenija li minn Akri tieħu għal Nazaret, il-Kruċjati mall-ewwel ħakmu dan is-sit sa minn żmien ir-Re Baldwin II fl-1126. Minkejja l-importanza militari tal-belt, ftit għandna informazzjoni mill-kronisti tal-epika Kruċjata, ħlief minn Teodoriku li, fl-1169-1172 jiddiskreviha bħala belt fortifikata (*civitas munita*). Sal-lum il-viżitaturi għadhom jaraw it-torri imponenti Kruċjat u Ottoman li hemm fil-quċċata tal-għolja, u li għandu forma ta' fortizza, u li llum hu mużew tal-fdalijiet arkeoloġiċi. Il-fortizza, *Castrum Saphorie*, kienet proprjetà tar-Re tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm.

Sefforis damet f'idejn Kruċjati sal-jum fatali tal-battalja ta' Qarne Ħattin fl-4 ta' Lulju 1187, meta l-Kruċjati tilfu l-Galilija. Waqt perjodu ta' fethim ta' waqfien mill-ġlied fl-1229 it-triq li tgħaqqad Nazaret ma' Akri reġgħet ġiet f'idejn il-Kruċjati, imma fl-1239 il-belt reġgħet waqgħet f'idejn Musulmani. Ir-Re San Ludoviku IX ta' Franza, waqt pellegrinaġġ lejn Nazaret, waqaf Sefforis fl-1251. Dokument tal-1255 juri li Sefforis kienet proprjetà tal-isqof ta' Nazaret. Hemm ukoll min isostni li Sefforis kienet proprjetà tal-Kavallieri Templari, imma fil-fatt dan jirreferi x'aktarx għall-kastell ta' Shefa-Amr, belt li tinsab ukoll fit-triq li tieħu għal Akri. Meta Burchard tal-Monte Sion żar Sefforis fl-1283 u jgħid li kienet fortizza Musulmana li kellha kastell.

## L-istorja tal-Knisja Kruċjata ta' Sant'Anna


*– Fortizza Kruċjata Sefforis*

Minkejja l-fatt li Sefforis kienet belt b'maġġoranza Lhudija, il-Konti Josephus ta' Tiberija ipprova jibni knisja hemmhekk fi żmien l-Imperatur Kostantinu. Dan Josephus (c. 285 – c. 356) kien ikkonverta mir-reliġjon Lhudija għal dik Kristjana, u kien bena wkoll knisja f'Tabgha, fejn illum hemm is-Santwarju tat-Tkattir tal-Ħobż. Fis-sena 518 jissemma isqof, Marcellinus, u jingħad li hu rrestawra xi knisja. Lejn tmiem is-seklu 6 il-Pellegrin ta' Piacenza jikteb li f'Diocaesarea (Sefforis) kien ra xi relikwi assoċjati mal-Verġni Marija, fosthom siġġu li fuqu kienet bilqegħda fil-mument tal-Annunċjazzjoni. Jidher li din hi l-eqdem xhieda li torbot lil Sepphoris mal-Verġni Marija u wkoll mal-ġenituri tagħha.

Fis-seklu 12 jidher li saret qawwija t-tradizzjoni li Sant'Anna kienet minn Sepphoris. Johannes minn Würzburg jikteb li anke Marija twieldet hemmhekk, għalkemm San Ġlormu kien sostna li l-Verġni Marija kienet minn Nazaret. Tidher ħaġa stramba kif, filwaqt li kien hemm tradizzjoni li Sepphoris kienet il-post tal-familja ta' Marija, il-pellegrini qatt ma jsemmu li hemmhekk kien hemm knisja. Dan forsi għaliex it-tradizzjoni kienet waħda tal-Insara lokali biss, u x'aktarx ukoll għax l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ta' Nazaret, li Sepphoris kienet tiddependi minnhom, kienu jippreferu jħarsu l-importanza ta' Nazaret bħala l-post marbut mal-Verġni Marija.

Fis-seklu 14 Giacomo di Verona jikteb li Sepphoris kienet il-belt ta' San Ġwakkin, imma li Sant'Anna kienet minn Ġerusalemm, fejn il-Kruċjati bnew il-knisja li sal-lum tfakkar it-twelid tal-Verġni Marija. Il-Franġiskan Niccolò da Poggibonsi fl-1346 jikteb li Sepphoris kienet meqruda, imma li hemmhekk kien hemm knisja li kienet tfakkar il-post tat-twelid tal-Verġni Marija.

Kien fis-seklu 17 li t-tradizzjoni li l-fdalijiet Kruċjati tal-knisja ta' Sant'Anna ta' Sefforis kienu jfakkru li l-ġenitura ta' Marija ġiet stabilita. Il-kronista Franġiskan Francesco Quaresmio, fl-*Elucidatio Terrae Sanctae*, jikteb: "Fil-post li fih kien hemm id-dar ta' Ġwakkin, inbniet knisja eleganti b'ġebel minġur: hi fiha żewġ ordni ta' kolonni li jwieżnu l-volta ta' tliet navati; għandha abside bi tliet kappelli, li fihom illum joqogħdu xi Mori fi griebeġ ċkejknin".

L-okkupazzjoni Musulmana tal-knisja damet għal xi żmien, għalkemm nafu li l-Emir Druż Fakhr ad-Dîn fl-istess seklu ippermetta lill-Franġiskani ta' Nazaret biex imorru hemm pellegrinaġġ darba fis-sena. Ftit wara tneħħew id-djar tal-Musulmani u fil-post kien hemm qassis Grieg Kattoliku li kien jieħu ħsiebu f'isem il-Franġiskani ta' Nazaret. Mill-1641 l-awtoritajiet Torok Ottomani li kienu jaħkmu l-Palestina bdew joħorġu firmani li fihom jagħtu permess lil-Latini (Kattoliċi) biex iżuru dan is-Santwarju.

Sas-sena 1801 kien għad hemm navata waħda tal-knisja wieqfa. Il-Franġiskani komplew imorru pellegrinaġġ kull sena fil-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija sal-1841, meta irnexxielhom fl-aħħarnett jakkwistaw is-Santwarju għall-Kustodja tal-Art Imqaddsa. L-oppożizzjoni lokali tal-Musulmani tar-raħal ma ħalliethomx jieħdu pussess tal-fdalijiet tal-knisja, u dan irnexxielhom jagħmluh biss fl-1870. Meta l-uffiċjali tas-Survey of Western Palestine żaru s-sit fl-1872 huma sabu li n-navata kienet għadha okkupata minn xi djar Musulmani, imma fl-1879 il-Franġiskani kien irnexxielhom ineħħu bosta minnhom u jibdew xi skavi. Huma sabu l-fdalijiet ta' ġiebja antika, li fiha bdew jiġbru l-ilma tax-xita. Dawwru l-proprjetà b'ħajt li jimmarka l-perimetru tal-knisja Kruċjata, u bnew xi kmamar fuq l-abside biex fihom ikunu jistgħu jgħixu dawk li jieħdu ħsieb is-Santwarju.

Ta' min jistaqsi dwar il-fatt li t-tradizzjoni tal-familja ta' Ġwakkin u Anna u t-twelid tal-Verġni Marija tintrabat kemm mal-knisja Kruċjata ta' Sefforis kif ukoll ma' dik ta' Ġerusalemm, jiġifieri mal-Knisja ta' Sant'Anna li għadha eżempju stupend ta' arkitettura Kruċjata li baqgħet intatta sal-lum. Fil-fatt ma hemmx kuntradizzjoni bejn iż-żewġ tradizzjonijiet. Il-Protovanġelu ta' Ġakbu jgħid li Ġwakkin kien qassis fit-Tempju ta' Ġerusalemm, u li Marija twieldet f'Ġerusalemm proprju fil-mument li fih Ġwakkin kien imissu jaqdi s-servizz tiegħu bħala qassis. Nafu li l-qassisin tat-Tempju, anke jekk kienu jiġu minn barra Ġerusalemm, kien ikollhom dar fil-belt qaddisa biex fiha jkunu jistgħu joqogħdu waqt it-turn tas-servizz tagħhom. Hemm imbagħad it-tradizzjoni li Anna kienet minn Ġerusalemm. Mela, jekk Ġwakkin kien minn Sefforis, seta' iżżewweġ lil Anna li sar jafha Ġerusalemm u ħadha toqgħod għandu fil-Galilija, imma mbagħad kien preżenti magħha f'Ġerusalemm meta kien imissu s-servizz tiegħu. Dejjem fuq dak li jgħid il-Protovanġelu, Ġwakkin dam mhux ħażin f'Ġerusalemm, għax mar f'Wadi Kelt bil-merħliet tiegħu fejn anġlu tal-Mulej ħabbarlu li Anna martu kienet se tnissel bint. Wara t-twelid ta' Marija naraw lil Ġwakkin u lil Anna għadhom Ġerusalemm meta, tmenin jum wara l-ħlas ta' Anna, huma ippreżentaw lil Marija fit-Tempju, tifkira li ssir fil-21 ta' Novembru u li hi marbuta mal-fdalijiet arkeoloġiċi tal-Bażilika tan-Nea Theotokos li l-Imperatur Biżantin Ġustinjanu bena fis-sena 543 proprju faċċata tat-Tempju ta' Ġerusalemm.

Għalkemm it-tradizzjoni ta' Sefforis mhijiex qawwija u antika daqs dik ta' Ġerusalemm, ma nistgħux niċħduha *a priori*, għax kien probabbli ħafna li Marija għexet Sefforis wara t-twelid tagħha. Il-fatt li ltaqgħet ma' Ġużeppi li kien minn Nazaret hu prova ta' dan. San Ġużepp jiġi msejjaħ *tekton* fl-Evanġelji, kelma li tfisser artiġġjan f'sens ġenerali. Billi Nazaret kien raħal ċkejken u mitluf, x'aktarx li Ġużeppi kien imur Sefforis, li kien il-kapitali tal-Galilija, u biss 6 kilometri bogħod, biex ibigħ il-prodotti li kien jipproduċi jew għal xi xogħol ieħor. U seta' jkun li hemm sar jaf lil Marija, li mbagħad marret toqgħod hi wkoll Nazaret (it-tradizzjoni tal-familja ta' Ġwakkin u Anna f'Nazaret, kif juri San Ġlormu). Il-fatt li ma nsibu xejn dokumentat fl-Evanġelji u li t-tradizzjoni hi lokalizzata ħafna, ma jfissirx li għandna nwarrbu dawn il-possibiltajiet kollha li huma wkoll frott tal-għarfien li għandna mit-tradizzjoni apokrifa Kristjana tal-ewwel sekli.

## Deskrizzjoni tal-Knisja ta' Sant'Anna

Meta l-Franġiskan Prospet Viaud, Gwardjan ta' Nazaret u fundatur tal-Mużew tal-istess Santwarju, kif ukoll tal-Mużew tal-iStudium Biblicum Franciscanum ta' Ġerusalemm, għamel l-ewwel skavi fil-proprjetà

tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Sefforis fl-1909, hu kkonkluda li l-Knisja ta' Sant'Anna kienet inbniet fuq il-fdalijiet ta' sinagoga, li hu jgħid li l-paviment mużajkat tagħha jmur lura għas-seklu 3-4. Dan il-paviment kellu wkoll iskrizzjoni li kienet tgħid: "Tkun imfaħħra t-tifkira ta' Rabbi Yudan, iben Tanhum, iben ta' [Botah li offra dan il-mużajk. Jalla din tkun barka fuqu.]" Dan il-paviment jinsab taħt il-ħajt tat-tramuntana tal-knisja, u dan ifisser li meta nbniet il-knisja Kruċjata l-bennejja ma kinux konxji tal-eżistenza ta' singagoga fl-istess post u ma segwewx l-orjentazzjoni tagħha. Minkejja dan, instab ukoll tarag fuq ix-xaqliba tal-punent tal-knisja, u kapitell li fuqu hemm imnaqqax salib u iskrizzjoni bil-Grieg, *touto nika* [dan jirbaħ]. Dan jindika l-possibiltà li l-knisja Kruċjata inbniet fuq il-fdalijiet ta' knisja aktar antika Biżantina, u li din allura kienet inbniet fuq is-sinagoga lejn tmiem is-seklu 4 jew aktar tard.

Meta wieħed iżur il-Knisja ta' Sant'Anna llum jinduna li kull ma fadal hu ma biss tliet absidi fil-fond tal-binja, li hi immarkata mill-ħajt perimetrali. Fadal ukoll xi ħitan tal-ewwel kampata tan-navata. L-absidi jidhru fl-istess tipiku Kruċjat bl-arkati oġivali (telgħin għall-ponta) u bl-arkata ċentrali aktar għolja u wiesgħa minn dawk laterali. Il-knisja kollha kellha dimensjoni ta' 21.9 metri mit-tramuntana għan-nofsinhar, u l-ħitan tagħna kienu ħoxninb 2.2 metri. It-tul tagħha fid-direzzjoni punent-lvant, jekk naċċettaw li kien isegwi l-ħitan perimetrali tallum, kien ta' 36.3 metri. Il-knisja kienet għaldaqstant bi tliet navati, u x'aktarx li kellha ħames kampati, jiġifieri, taqsimiet fil-volta gotika u fid-daħliet ta' kull naħa tan-navata ċentrali.

Kull ma jidher għadu wieqaf mill-knisja huma t-tliet absidi tal-lvant, anke jekk dawn fuqhom inbena l-ospizju Franġiskan fl-1879. Il-fatt li l-absidi baqgħu kważi intatti, minkejja l-fatt li l-knisja hi mibnija minn ġebel tal-franka li faċli jmermer l-iskulturi li kien hemm fil-kapitelli tal-kolonni, hu wkoll frott tal-fatt li d-dahar tal-knisja jserraħ mal-għolja li hemm warajha, u għalhekk isib ċerta stabilità. L-absidi ċentrali għandha forma semi-ċirkulari u tispiċċa bil-ponta oġivali. Jidher li quddiemha kien hemm presbiterju li kien imsaqqaf minn volta li wkoll kienet oġivali. Parti min-nofs tond tal-abside hu maqtugħ fil-blat naturali, li wkoll jestendi xi 1.15 metri fuq il-livell tal-paviment. Dan jindika li oriġinarjament il-livell tal-presbiteru tal-knisja Kruċjata kien ogħla minn fejn jinsab illum, għax instabu wkoll fdalijiet ta' taraġ bejn il-plieri tan-navata.

Fix-xaqliba tal-lvant l-abside hi mdawwla minn tieqa tonda. L-abside tan-nofsinhar hi wkoll semi-ċirkulari u tintemm f'nofs koppla. Imma l-abside tat-tramuntana . Imma l-abside tat-tramuntana hi aktar fonda u tintemm f'kappella jew sagristija li tidħol għaliha taħt arkata li hi simili għal dik tal-absidi l-oħrajn, hekk li minn quddiem għandek


*Knisja S Anna Sefforis*

impressjoni ta' simmetrija perfetta. Din l-abside li fiha, sallum, għad kemm kappella, għandha volta li titla' għal punta ċentrali fi stil gotiku (bl-Ingliż *groin-vault*) li hi għolja daqs il-volta tal-abside ċentrali. Jidher li din dejjem kienet ambjent li kellu funzjoni liturġika. Il-fatt li din il-kappella hi daqshekk għolja u li l-ħitan tal-punent u tat-tramuntana tagħha huma ħoxnin hekk li joffru denfil li jwieżen il-binja, jissuġġerixxi li din kien il-bażi tal-kampnar. X'aktarx li dan il-kampnar inbena lejn nofs is-seklu 13, meta r-Re San Ludoviku IX kien żar Sefforis.

## It-tradizzjoni Kristjana ta' Sefforis

Bagatti jikteb li, fl-ewwel sekli tal-era Kristjana, f'Sefforis kienu jgħixu l-*Minim*, kelma Lhudija li tfisser "eretiċi", isem li bih il-Lhud osservanti kienu jsejħu lil dawk ħuthom Lhud li kien ikkonvertew għall-Kristjaneżimu, appuntu l-Ġudeo-Kristjani.

Meta fl-1931 l-Università ta' Michigan għamlet skavi arkeoloġiċi fil-parti għolja ta' Sefforis, qrib il-fortizza Kruċjata-Ottomana, instabu l-fdalijiet ta' binja li x'aktarx kienet bażilika Biżantina. Jekk dan hu minnu, allura dan juri li fl-epoka Biżantina l-komunità Kristjana ta' Sefforis inbidlet minn waħda Ġudeo-Kristjana għal waħda Ġentilo-Kristjana, jiġifieri magħmula minn pagani li kienu ikkonvertew għall-Kristjaneżimu. Minkejja dan, dejjem fuq dak li jsostni l-istudjuż arkeologu Zeev Weiss, Sefforis baqgħet belt prevalentement Lhudija anke matul l-epoka Biżantina. Fil-fatt instabu fdalijiet ta' sinagoga imponenti li tmur lura għas-sekli 5, jiġifieri fi żmien il-Biżantini.

Il-fatt li Sefforis tinsab ftit kilometri bogħod minn Nazaret, kif rajna, jorbotha mill-qrib mal-familja ta' Ġesù, anke jekk il-belt qatt ma tissemma fl-Evanġelji jew fl-Iskrittura. Il-probabilità ta' din ir-rabta jagħtihielna l-Pellegrin ta' Piacenza fis-sena 570, li jikteb: "Wasalna fit-trufijiet tal-Galilija fil-belt imsejħa Diocaesarea, li fiha tajna qima lir-relikwi tal-Imqaddsa Marija. F'dak il-post hemm ukoll il-kattedra li fuqha kienet bilqiegħda meta ġie l-Anġlu għandha."

Kif jgħidilna l-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, Marija kienet qiegħda bilqiegħda tinseġ il-porpora meta l-Arkanġlu Gabriel mar iżurha wara li kien diġà dehrilha għall-ewwel darba qrib il-għajn tar-raħal ta' Nazaret, fil-post li fih il-Kristjani Ortodossi jqimu l-ġrajja tal-Annunzjazzjoni fil-Knisja tal-Arkanġlu Gabriel. Jekk dawn ir-relikwi kienu ttieħdu minn Nazaret lejn il-belt aktar kbira u importanti ta' Sefforis, dan ifisser li kien hemm relazzjoni bejn dawn iż-żewġ ċentri abitati. B'hekk nifhmu t-tradizzjoni Kruċjata li trid li l-familja ta' Marija kienet ġejja minn Sefforis.

## Il-figura ta' Sant'Anna, omm il-Verġni Marija

Billi l-knisja ta' Sefforis ġiet iddedikata mill-Kruċjati għall-kult lejn Sant'Anna, omm il-Verġni Marija, tajjeb li nkunu nafu xi ħjiel dwar din il-qaddisa simpatika li, flimkien ma' San Ġwakkin ġiet indikata mill-mibki Papa Franġisku bħala mudell tan-nanniet, hekk li fil-festa tal-ġenituri tal-Verġni Marija (26 ta' Lulju) tiġi ċċelebrata l-festa tan-nanniet.

It-tradizzjoni apokrifa trid li Anna kienet bint Akar, mit-tribù ta' Levi u li kienet oħt Esmerja, li kienet omm Santa Elizabetta u nanna ta' San Ġwann Battista. Tradizzjoni oħra trid li Ġużeppi minn Arimatea kien iz-ziju tagħha, ħu ommha. Iżżewġet lil Ġwakkin, qassis għani tat-Tempju, imma kienet sterili. Wara għoxrin sena f'dan l-istat li kien meqjus bħala wieħed ta' għajb fil-poplu ta' Israel, Ġwakkin ġie pubblikament umiljat fit-Tempju u ma tħalliex itella' l-offerta tiegħu. Għaldaqstant irtira mnikket fid-deżert tal-Lhudija, fl-inħawi ta' Wadi Kelt qrib

Ġeriko, fejn mar mal-merħla tiegħu. Sadanittant anġlu tal-Mulej deher lil Anna u lil Ġwakkin u ħabbrilhom it-tnejn individwalment li huma kienu se jnisslu tifla. Ġwakkin irritorna lejn Ġerusalemm u hemmhekk ħarġet tilqgħu martu Anna quddiem il-Bieb tad-Deheb tat-Tempju u "iddendlet ma' għonqu". Minn din it-tgħannieqa kasta tnisslet il-Verġni Marija. Naturalment din il-leġġenda għandha skop kateketiku biex tiddefendi l-verġinità ta' Marija imma wkoll l-imħabba safja li kellhom Ġwakkin u Anna li qalgħu mingħand Alla d-don li jsiru l-ġenituri ta' Marija u n-nanniet ta' Ġesù.

Diġà rajna kif, għalkemm it-tradizzjoni tat-twelid ta' Marija f'Ġerusalemm hi waħda qawwija, imma wkoll nistgħu napprezzaw it-tradizzjoni Kruċjata li trid li l-oriġini ta' Marija jmorru lura anke fil-Galilija, billi fi xbubitha hi kellha tmur toqgħod Nazaret u hemmhekk tnissel lil Ġesù. Ir-rabta mal-belt importanti ta' Diocaesarea jew Sefforis kienet importanti, u ma għandniex inqisuha biss bħala invenzjoni tal-Kruċjati, li mhux l-ewwel darba li fakkru ġrajjiet dwar santwarji tal-fidwa f'postijiet differenti, imma li mhumiex kuntradittorji.

Il-ġrajja tat-twelid mirakoluż ta' Marija minn Anna tiġi rrakkontata wkoll fil-kitba apokrifa *Evanġelju tal-Psewdo Mattew*. Dan kollu juri li, għalkemm il-kult lejn Sant'Anna fil-knisja tagħha ta' Sefforis imur lura għal żmien il-Kruċjati, imma l-oriġini tiegħu jmorru lura ħafna aktar lura fl-istorja, preċiżament fl-ewwel sekli Kristjani li fihom twieldu l-kitbiet apokrifi li, b'xi mod, jimlew il-vojt li jħallu l-Evanġelji dwar il-bidu tal-ħajja ta' Marija u Ġesù.

*Ċelebrazzjoni Festa S Anna Sefforis*



## Is-Santwarju ta' Sant'Anna f'Sefforis bħala post ta' pellegrinaġġ

Il-pellegrinaġġ klassiku fl-Art Imqaddsa imiss naturalment is-Santwarji ewlenin tal-fidwa. Fil-Galilija l-pellegrini dejjem iżuru l-Bażilika tal-Annunzjazzjoni f'Nazaret, dik tat-Trasfigurazzjoni fuq il-Muntanja Tabor, is-Santwarji tal-Għadira tal-Galilija (Beatitudni, Tabgha Primat ta' Pietru, Tabgha Tkattir tal-ħobż, Kafarnahum), Kana tal-Galilija u s-Santwarju tal-Verġni Marija tal-Karmelu f'Ħaifa. Diversi gruppi oħrajn iżuru wkoll is-siti arkeoloġiċi u bibliċi, l-aktar il-belt Kruċjata ta' Akri u Banjas, fejn Pietru għamel l-istqarrija ta' fidi f'Ġesù u fejn hemm in-nixxigħat li minnhom titwieled ix-xmara Ġordan. Imma barra minn dawn is-Santwarji ewlenin hemm diversi postijiet oħrajn marbutin mal-ġrajjiet tal-Evanġelju. Rajna, per eżempju, l-knisja ta' Najm li tfakkar il-miraklu ta' Ġesù f'Luqa 7,11-17. Hemm ukoll xi knejjes li huma Santwarji f'idejn il-Griegi Ortodossi, li jfakkru wkoll ġrajjiet importanti bibliċi jew tal-apokrifi, fosthom il-knisja tal-Arkanġlu Gabriel f'Nazaret, il-knisja ta' Sant'Elija u l-għar ta' Melkisedek fuq it-Tabor, il-knisja tal-Appostli mqaddsa f'Kafarnahum, jew inkella l-knisja tas-Sinagoga ta' Nazaret li hi f'idejn il-Griegi Kattoliċi (Melkiti). Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandha diversi knejjes ċkejknin li huma wkoll Santwarji fil-Galilija, fosthom dik ta' Najm, il-knisja ta' San Bartilmew f'Kana, il-knisja tal-*Mensa Christi* f'Nazaret, u appuntu l-knisja ta' Sant'Anna f'Sefforis.

Dan ifisser li l-pellegrin jista' jimraħ ukoll lil hinn mis-Santwarji prinċipali biex jiskopri dawn il-ġawhar ta' Santwarji li huma kemmxejn imwarrbin mir-rotot ordinarji tal-pellegrini. Is-Santwarju ta' Sefforis ma joffrix dehra ta' knisja sabiħa u rikka, għax fil-fatt il-knisja Kruċjata hi knisja mġarrfa li fadal minnha biss id-dehra tat-tliet absidi. Imma anke f'din id-dehra l-knisja toffri qabel xejn ambjent kwiet u sabiħ għat-talb u l-meditazzjoni fl-apert, titkellem dwar it-tifkiriet għeżież tal-antenati ta' Ġesù u dwar il-Verġni Marija, u toffri dehra stupenda ta' arkitettura Kruċjata li dejjem tħallina impressjonati meta niftakru li, f'inqas minn seklu l-Kruċjati kienu imlew l-Art Imqaddsa b'fortizzi, kastelli u knejjes li għadhom jisfidaw iż-żminijiet.

Wieħed lanqas ma għandu jinsa li Sefforis hi sit arkeoloġiku mill-aktar imporanti fil-Galilija, li fiha arkitettura Rumana u Biżantina, mużajċi famużi bħalma hi l-hekk imsejħa "Mona Lisa tal-Galilija", toroq rumani imponenti, sinagogi u *mikvot* tal-Lhud li kienu numerużi f'din il-belt kapitali tal-Galilija fi żmien Ġesù. Meta wieħed jagħmel pellegrinaġġ jista' wkoll jgħaqqad miegħu dawn iż-żjajjar kulturali, l-aktar jekk ikollu l-opportunità li jtawwal iż-żmien ta' ġimgħa li trid biex iżżur is-Santwarji Kristjani.

Għalkemm f'Sefforis ma hemmx preżenza stabbli tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa, imma l-post hu proprjetà tal-Kustodja u hu mħares mir-reliġjużi tal-Istitut tal-Verb Inkarnat li jqaddsu s-Santwarju bit-talb tagħhom u jilqgħu l-pellegrini. Kull sena, fis-26 ta' Lulju, festa tal-qaddisin Anna u Ġwakkin, il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jmorru *peregrinatio* mal-Kristjani tal-Galilija biex hemmhekk ifakkru lin-nanniet ta' Ġesù u jitolbu fuq wieħed mill-postijiet qaddisa li akkwistaw għall-Kristjanità kollha u li hu Santwarju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

## Riferenzi:

Bellarmino Bagatti OFM, *Antichi villaggi cristiani di Galilea*, Tipografia dei PP. Francescani, Gerusalemme 1971, pp. 112-121 [Studium Biblicum Franciscanum, Collectio Minor, N. 3]

Jaroslav Folda, *The Art of the Crusaders in the Holy Land 1098-1187*, Cambridge University Press 1995, pp. 460, 472, 566, n.139, 588 n.38.

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume II: L-Z (excluding Tyre), Cambridge University Press 2009, pp. 209-218.

Zeev Weiss, *From Roman temple to Byzantine church: a preliminary report on Sepphoris in transition*, in *Journal of Roman Archaeology* 23 (2010) [Published online by Cambridge University Press, 2015, pp. 196-218].



# L-APOKALISSI (7)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Is-Simboliżmu Bibliku tal-Apokalissi

### Il-Kuluri

Fil-Bibbja jissemmew ħafna drabi kuluri differenti u dan mhux nieqes fl-Apokalissi. Marbut ma' dawn il-kuluri hemm simboliżmu qawwi ħafna, li ngħidulu simboliżmu kromatiku bibliku. Hemm diversi kuluri li jissemmew. Huma kienu jiġu estratti u magħmula minn pjanti, fjuri, għeruq, lewż, ħaġar u bebbux tal-baħar. Huwa stmat li l-bniedem beda jagħmel użu mill-kuluri madwar nofs miljun sena ilu!

Insibu l-kulur 'ambra' (bil-lhudi: 'chashmal') li huwa msemmi f'Eżekjel 1:4; 1:27-28 u 8:2 u juri l-glorja u d-dija tal-presenża ta' Alla. Huwa s-simbolu tal-glorja ta' Alla (2 Korintin 4:6 u Apokalissi 21:23) u huwa marbut man-nar bħala simbolu tal-preżenza ta' Alla (ara Eżodu 3:2).

Il-kulur iswed huwa assoċjat ma' dawk li hu ħażin u negattiv. Bil-lhudi 'chashak', bl-għarbi 'kara', bl-eġizzjan 'kem' u bil-grieg 'melas'. Infatti 'Khema' jew 'Chemi' kienet tirreferi għall-art sewda tal-Eġittu. Huwa s-simbolu tal-mewt ('thanatos', marda letali, kif naraw f'Apokalissi 2:23; 6:8 u 18:8 u Ġuditta 1:12-13) u tal-mard (Ġob 30:3), speċjalment il-ġilda marida.


*L-Għar tal-Apokalissi f'Patmos*

Huwa s-simbolu tad-dnub kif naraw f'Ġob 6:15-16 u 30:30. Huwa s-simbolu tal-guħ (ara Lamentazzjonijiet 4:8) u tad-dwejjaq (ara Ġeremija 8:21). Huwa marbut mal-viżtu kif naraw f'Ġenesi 37:34; Isaija 50:3 u Apokalissi 6:12. Huwa l-kulur tal-lejl kif naraw fil-Proverbji 7:9. Huwa l-kulur 'melanes' ta' wieħed miż-żwiemel ta' Żakkarija 6:2 u tal-Apokalissi 6:5. Huwa marbut mad-dlam, id-dalma tax-xemx u l-qamar (Ġoel 2:10). Fil-liturġija tas-San Sepolcro f'Ġerusalemm fit-12-il seklu, il-kulur iswed kien jintuża fl-avvent, lejlet il-Milied, u fil-festi tal-Madonna (għaliex id-dawl rebaħ lid-dlam). Rigward dan il-kulur J. O'Donohue jikteb: "In terms of physics, black occurs when an object is absorbing all of the coloured wavelenghts. This is why nothing is reflected back. Yet it is not that black is without colour: it is rather that it is the absence, the outer surface, behind which colours secretly dwell. The

heart of blackness is full of colour. The outer absence veils a rich interiority of presence."

L-ikħal (bil-lhudi: 'tekeleth', bl-akkadiku: 'takiltu', u bil-grieg 'kuanos') huwa marbut mas-sema u mas-sagru u għalhekk mhux marbut mal-kulur tad-dinja li hu l-aħmar. L-Eġizzjani kienu jagħmlu dan il-kulur mill-materjal bl-isem 'lapis lazuli' (fil-malti għandna l-kelma 'lapislazzli'; ara leġġenda ta' San Ġużepp, ta' Patri Ġuże' Delia). Huwa kulur ċelesti u għalhekk divin. Huwa l-kulur kaħlani li Alla għażel għall-poplu lhudi. Huwa l-kulur tal-Ispirtu s-Santu. Huwa marbut mal-verità. Huwa l-kulur tal-purtiera tat-tempju flimkien mal-vjola kif naraw f'Eżodu 26:1 u 27:16. Huwa kulur marbut ukoll mal-liturgija u mal-qassis il-kbir kif naraw f'Ester 8:15. Huwa l-kulur taż-'tzitzit'. Il-kulur kien marbut mal-alla falz Arnon u anke kien jintlibes mill-imperatur. Fir-rit ta' Sarum il-kulur blu jintuża fl-Avvent.

Il-kannella huwa msemmi f'Ġenesi 30:32-33 u huwa marbut mal-kulur ta' xi nagħaġ. Huwa magħmul mill-qastan. Il-krimżi (bil-lhudi 'karmiyl') huwa marbut mad-dnub (ara Isaija 1:18). Il-kulur kien jiġi estratt mill-insett 'qirmiz'. Huwa msemmi f'2 Kronaki 2:7 u Ġeremija 4:30. Il-kulur griż (bl-ebrajk: 'seybah', bl-akkadiku 'samu' u bil-grieg: 'glaukos') jindika x-xjuħija kif naraw f'Ġen 42:38; Dt 32:35 u 1 Samwel 12:2. Il-Proverbji 20:29 isemmi s-sbuħija tal-anzjanità f'20:20. Il-profeta Oseja f'kap 7 isemmi d-djufija tagħha.

L-aħdar (bl-ebrajk: 'abiyh') hu l-kulur tal-ħajja li naraw fin-natura kif naraw f'Ġenesi 1:30; 2 Rejiet 19:26 u Salm 37:2. Huwa l-kulur tas-siġar (ara Eżodu 10:15 u Dewt 12:2). U għalhekk kien magħmul mill-weraq tal-lewż. Huwa l-kulur tal-mergħat kollhom ħdura (Salm 23:2). Huwa s-simbolu tal-mistrieħ (Salm 23:2); tal-ħajja (Isaija 15:6; Eżekjel 17:24), tal-frott (Ġeremija 11:16; Oseja 14:8 u Luqa 23:31). Huwa l-kulur tal-immortalità u applikat għall-profeta Elija li tela' is-sema fuq karru taż-żwiemel tan-nar u għalhekk huwa mlaqqam fid-dinja musulmana bħala l-profeta l-aħdar. Fl-Apokalissi 21:20 jissemma ukoll l-iżmerald, it-topazju u l-krisopazju aħdar bħala ħaġar prezzjuż. L-iżmerald hija ġawhra favorita fl-Apokalissi bil-kulur tagħha tal-aħdar hija s-simbolu tat-tama. Il-kulur


*L-erba' żwiemel ikkuluriti tal-Apokalissi*

aħdar jissemma tliet darbiet fl-Apokalissi. F'Żakkarija għandna ż-żiemel aħdar safrani 'psaroi' u 'poikiloi' f'1:8 u 6:3.

L-avorju (bl-ebrajk: 'shen') ifisser it-tron kif naraw 1 Rejiet 10:18 u 2 Kronaki 9:17 u juri is-sbuħija u l-qawwa (1 Rejiet 1:37) u r-regalità (Ġenesi 41:40). Il-vjola f'18:16 (bl-ebrajk: 'argaman') u huwa kulur rjali kif naraw fl-Imħallfin 8:26. Il-kelma griega hija 'porphura' li tirreferi għall-kulur estratt (proċess li kien jiswa ħafna flus) mill-glandoli tal-bebbux tal-baħar fil-Mediterrean, imsejjaħ 'bekkun' (purple-dye murex). Dan it-tip ta' bebbux (Murex Trunculus, Murex Brandaris u Purpura Haemastoma), il-feniċi ġewwa Tir (u għalhekk ukoll il-vjola ta' Tir), kienu jiġbruh l-iktar minn Kreta u Thera. Fil-mitoloġija griega huwa l-kulur tal-alla Melqart. Huwa kulur tat-tjubija (Ġob 29:14) u tal-verġinità (2 Samwel 13:18-19). Huwa kulur marbut mat-tabernaklu (Eżodu 27:16), huwa kulur marbut mar-rejiet u huwa l-kulur (bil-grieg: 'porphuran') tal-libsa ta' Kristu fil-passjoni kif naraw f'Mark 15:17-20. Fil-fatt fl-imperu ruman kien ipprojbit li wieħed jizbogħ ħwejġu vjola għaliex dan il-kulur kien riżervat biss għall-imperatur. Huwa ukoll il-kulur tal-ametist (bl-ebrajk 'ahlmh' u bil-grieg 'amethystos'), il-ħaġar prezzjuż li jissemma fl-Apokalissi 21:20. Kien hemm il-kulur ta' vjola kaħlani (il-ġjaċint, bil-grieg: 'huakinthinos') b'rabta mal-libsa tal-qassis il-kbir. Kien hemm ukoll il-vjola ħamrani mlaqqam proprju l-vjola ta' Tir.


*Ġwanni l-Evanġelista jirċievi r-rivelazzjoni tal-Apokalissi (wikipedia.org)*

L-aħmar (bl-ebrajk: 'adam') huwa l-kulur tal-ħamrija u tal-art. L-isem ta' Adam ġej minn hawnhekk. Huwa marbut mad-demm, u mal-inbid. Il-kulur 'purroi' (fire coloured, it-terminu jinsab 54 darba fil-Ġ.T.) ta' wieħed miż-żwiemel f'Żakkarija 1:8 u tad-dragun f'Apokalissi 12:3. Huwa kulur marbut mal-ħajja u mat-tbatija. Jissemma fl-Eżodu l-baħar l-aħmar (bil-grieg: 'erythra thalassa', bil-latin 'mare rubrum') li kien jissejjaħ l-oċejan indjan fil-kitbiet antiki tal-Greċja. L-iskarlat (bl-ebrajk: 'shaniy') huwa msemmi f'Ġenesi 38:27-29; Ġożwe' 2:18; u Għanja tal-Għanjiet 4:3. Dan il-kulur skarlat (bil-grieg: 'kokkinos') huwa estratt mill-insett 'Kermes echinatus' fil-Palestina, li fih l-aċidu 'kermesic acid' li huwa

aħmar. Huwa s-simbolu tal-ġid. Huwa ukoll il-kulur tal-ħaġar prezzjuż aħmar 'kornalina' (bl-ebrajk 'arm' u bil-grieg 'sardion'), kif ukoll tal-ġaspru (bl-ebrajk: 'yashpeħ' u bil-grieg 'iaspis'). Il-kulur ħamrani msejjaħ 'vercella' kien estratt minn tip ta' likeni li kienu jgħixu fuq il-blat. Fl-imperu biżantin il-kulur aħmar ('eruthros') kien marbut mal-qawwa imperjali. Fil-liturgija ta' Salisbury fit-tlettax-il seklu l-kulur aħmar kien jintuża fiż-żmien ir-Randan u l-Avvent ukoll. Il-fidda f'18:16 turi l-verità, kliem nadif (ara Salm 12:6). Huwa kulur marbut mal-qamar u mal-Madonna. Il-vermiljun ('shashar') huwa l-kulur tas-sadid jew ir-ram u msemmi f'Ġeremija 22:14 u f'Eżekjel 23:14. Is-simbolu tiegħu huwa t-tentazzjonijiet u l-korruzzjoni (ara Mattew 6:19 u Ġakbu 5:3). Fl-Apokalissi l-kulur l-aħmar ('purros') insibuh darbtejn, l-aħmar skarlat 4 darbiet, u l-aħmar nar (infokat) darba,

Kulur importanti fil-bibbja huwa bla dubju ta' xejn il-kulur l-abjad. Il-kulur abjad (bl-ebrajk: 'laban', bl-assirjan: 'ippatu' u bil-grieg: 'leukos' jew 'aspros') huwa l-kulur tal-purità u tal-innoċenza. Huwa msemmi għall-kulur tal-manna f'Eżodu 16:31 u l-fejqan mil-lebbra f'Numri 12:1 (ara ukoll fejqan tal-ġeneral Naaman), tal-isħab u tat-tron ta' Alla f'Apokalissi 15:3 u 21:11. Huwa s-simbolu tat-tjubija, tal-ferħ, tas-solennità u tar-rebħa, kif naraw fis-Salm 51:7, u tat-tajbin lebsin l-abjad f'Apokalissi 19:8. Għandna l-kulur imsemmi fit-Trasfigurazzjoni ta' Kristu f'Mattew 17:2 u l-kulur tal-anġli fil-qabar tal-qawmien ta' Kristu. Il-kulur huwa s-simbolu tar-rebħa, tal-qawmien u tal-purità kif muri fiż-żiemel abjad fl-Apokalissi. F'Żakkarija nsibu ż-żiemel l-abjad 'leukoi' f'1:8 u 6:3.

Huwa fuq kollox il-kulur tal-annimali kkonsagrati lill-Alla (insemmu ukoll hawnhekk il-ħaruf għall-ikla tal-Għid). Huwa l-kulur tal-libsa tal-katekumeni mgħammdin li kienu jilbsu fuqhom għal tmint ijiem sal-Ħadd fuq l-Għid, imsejjaħ 'dominica in albis deponendis'. Fl-Apokalissi l-kulur abjad insibuh 15-il darba.

L-isfar (bl-ebrajk: 'tsahob') huwa l-kulur tad-deheb u għalhekk kulur rjali kif naraw fis-Salm 68:13. Id-deheb f'Apokalissi 18:16, huwa metall prezzjuż ħafna, huwa s-simboli tal-purità u huwa marbut mal-immortalità (ara Eżodu 28:36 u Salm 21:3). Fuq kollox id-deheb huwa l-metall ta' Alla. Huwa ukoll is-simboli tal-għerf ara Apokalissi 3:18: "Jiena nagħtik parir biex tiġi tixtri mingħandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb tal-għera tiegħek; u wkoll ungwent, ħalli tidlek għajnejk u tkun tista' tara".

## Biblijografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., "Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission's document "Ispirazione e verita' della Sacra Scrittura" (2014)", in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Barr, D.L., *Reading the book of Revelation: a resource for students*, SBL 44, Atlanta (GA) 2003.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Breu, C., "Female Seed as a metaphor: Queer Kinship in Revelation 12, Ancient Medical and Literary Texts

and the Septuagint", in *Journal for the Study of the New Testament* (2022) 1-28.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Cotro, H.A., "Could the author of Revelation step forward, please?", in *DavarLogos* 14 (2015) 71-89.

Cotro, H.A., "A tale of two cities: Rome and Babylon in Revelation", in *DavarLogos* 21 (2022) 37-68.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John's depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., "Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space", in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Gonzalez, E., "The 'Destroyers of the Earth' in Revelation 11:8 – Who are they?", in *Davar Logos* 14 (2015) 91-107.

Gorman, M.J., *Reading Revelation responsably: Uncivil worship and witness: Following the Lamb into the New Creation*, Eugene (OR) 2011.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function,* Piscataway (NJ) 2009.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., "Cosmology in the Book of Revelation", in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L'Apocalisse come 'actio liturgica' cristiana. Studio esegetico.* AnBib 199, Roma 2012.

Miller, R.B., "Dragon myths and biblical theology", in *Theological Studies* 80 (2019) 37-56.

Newall, M., "The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history", in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., "The use of Old Testament in the Book of Revelation", in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., "The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa", in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Punt, J., "An Apocalyptic Womb? The Great Harlot of Revelation 17-18", in *The African Journal of Gender and Religion* 26 (2020) 41-62.

Razafiarivony, D., "Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?", in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rosell, S., "John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world", in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.



# IR–RABA' GĦANJA TAL–QADDEJ TA' JAĦWEH (IS 52,13 – 53, 1-12)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Din ir-raba' għanja tal-Qaddej ta' Jaħweh tkompli tħarrax u tintensifika s-suġġett dwar it-tbatijiet atroċi u inumani tal-Qaddej ta' Jaħweh matul is-servizz tiegħu ta' fidwa sħiħa. Madankollu għal bosta u bosta Insara l-punt prinċipali hu li ħafna dettalji f'din il-għanja twettqu fil-milja tagħhom waqt il-passjoni il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu. Tant li donnu l-kittieba tat-Testment il-Ġdid meta rrakkontaw minn xiex għadda Ġesu rigward tbatijietu, jidher li donnhom kellhom din il-għanja quddiem għajnejhom daqskemm hemm qbil bejn dak li tħabbar u r-realtà li seħħet tassew. Huwa kollu inutli li wieħed joqgħod jargumenta dwar il-probabiltà tat-twettiq tal-profezija.

Iva jistà jingħata dan, għaliex il-kittieba tat-Testment il-Ġdid, kienu jafu x'hemm miktub fil-kotba qaddisa tat-Testment il-Qadim. Ma ninsewx li kull nhar ta' Sibt il-qari li jsir fis-sinagogi tagħhom huwa dejjem mill-kotba tat-Testment il-Qadim. Barra dan hemm dejjem il-prinċipju qaddis li t-Testment il-Qadim twettaq u ġie imfisser sew fit-Testment il-Ġdid. Bejn dawn iż-żewġ taqsimiet hemm komplementarjità sħiħa.

Iva dan jistà jkun tassew il-każ, għaliex l-aktar tradizzjonijiet qodma tal-bidu dwar il-passjoni u l-qawmien ta' Ġesu huma miktubin f' 1 Kor 15, 3-5. U dan sar għal darbtejn. F'dawn il-versi jingħad li Ġesu miet u qam skont l-Iskrittura. Ifisser skont ma tħabbar fit-Testment il-Qadim, għaliex il-Ġdid kien għadu ma nkitibx. Dan għalhekk ifisser sew li anke fejn jidħlu ċerti dettalji, Ġesu kien qed ikompli verament dak li tħabbar dwaru fl-Iskrittura. U dan kollu issiġillah Ġesu nnifsu nhar Ħadd il-qawmien tiegħu filgħaxija: "Jeħtieġ li jseħħ kullma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi" (Lq 24,44). Konferma aktar b'saħħitha u ċara minn dan ma jistax ikun hemm.

## It-titlu ta' qaddej.

Waħda mill-mistoqsijiet li jiġu f'moħħ il-qarrej hija din: Min huwa qatt dan il-qaddej imsemmi mill-profeta Isaija fl-erba' għajniet tiegħu? Tajjeb ngħidu li dan il-qaddej insibuh sitt darbiet fl-erba' għanjiet; (Ara Is 42,1; 49,3.5.6.; 52,13;


*Kristu qaddej jaħsel riġlejn Pietru*

53,11). Dan il-qaddej dejjem jindika sħiħ sottomissjoni qawwija għar-rieda ta' Alla, ibaxxi rasu għal missjoni li ġie mibgħut għaliha. Imma ma jispeċifikax biżżejjed il-karatteristika ewlenija tal-persuna li lilha jingħata.

Difatti jistà jingħata każ li hawn għandna ndikat almenu impliċitament xi patrijarka Abraħam, Ġen 26,24; Iżakk, Ġakobb, (Dewt 9,27). Jew għandna lil-leġislatur Mosè (Numri 12,7 ecc), jew lis-sultan David (2 Sam 7,5), inkella xi profeta Ġeremija, Ġer 7,25; 29,19, Għamos, (Għam 3,7). Dawn kollha jissejħu l-qaddej ta' Jaħweh.

Fil-ktieb ta' Isaija dan il-qaddej, b'mod speċjali barra l-idea ta' subordinazzjoni u ubbidjenza sħiħa lejH, dan il-qaddej jesprimi r-rabta ta' mħabba li tgħaqqad lil Alla missier mal-"qaddej" tiegħu. Dawn il-veritajiet huma tassew uniċi ta' dan il-qaddej ma Alla missieru.

Infatti Alla "sawru b'imħabba speċjali" (43, 1.7; 44,2.24; 49,5); "sejjaħlu" (41,9; 43,1; 48,12; 49,1) "sa minn ġuf ommu" (44,2.24.46.49,1), u għal ċerta missjoni (41,8-9; 42,1; 44,1), u issa quddiem tant tbatijiet ħorox qed "isostnih" (41,10; 42,1).

L-oraklu jippreżenta wkoll l-karriera kollha tal-Qaddej ta' Jaħweh. Mill-ewwel erba' verbi li jimxu wieħed fuq l-ieħor donnhom bla nifs, l-konklużjoni hija li l-missjoni tal-qaddej għandu jkollha success kbir u dan għaliex din hi r-rieda ta' Alla; "Isib ir-risq, jintrefa', jogħla, jkun 'il fuq minn kulħadd" (Is 52,13). Impliċitament, il-kittieb qed jgħid li dan il-qaddej se jsib ix-xkiel, imma bil-għajnuna ta' Alla hu se jirbaħhom. Issa meta wieħed jipprova jaqra dejjem bejn il-linji ta' dan il-kliem dritt jintebaħ li hawn ir-riferenzi forsi aktar qawwija huma għal Ġesu.

## Aktar ċaħdiet

It-tbatijiet ta' dan il-qaddej quddiem Alla għandhom skop preċiż, wieħed ta' espjazzjoni, maħfra u tpattija. Infatti l-ewwel l-awtur jagħtina l-idea tal-kastig bħala sinjal ta' saħta u ċaħda: "Aħna ħsibnih bħal wieħed ikkastigat u milqut minn Alla". Din l-idea kienet qawwija ħafna meta l-ħlas ta' retribuzzjoni kien biss fuq din l-art u l-ħlas tal-ġenna kien għadu mhux rivelat.

Kien wara li beda jingħata għall-ewwel darba l-kunċett ġdid ta' tpattija voluntarja u sostituttiva li ġie ċċarat minn hu tassew dan il-"qaddej". Il-qaddej hu bla ħtija, u safi u qed ibati għax ried hu minn rajh mela jitgħabba bit-tbatjiet u l-ħtijiet ta' ħaddieħor. San Pawl lir-Rumani jgħidilhom hekk għal Ġesu feddej: "Lilu Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu" (Rum 3,25). Hawn il-kelma "vittma" tfisser dak li jbati, iġarrab kollox mingħajr


*Refa' fuqu l-mard tagħna*


*Matthias Stom (1639), Kristu nkurunat bix-xewk*

tgemgim, u jtemm ħajtu bħala ħlas għall-ħtijiet.

"It-test jaqra hekk: "Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna" (Is 53,4), u jkompli, "U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll" (Is 53, 6b). Issa ma nistgħu qatt ngħidu li dawn il-ħtijiet għamilhom il-qaddej imma li refa' fuqu l-konsegwenzi tagħhom bħallikieku għamilhom hu stess. Għandu mnejn il-profeta jrid iġibilna f'moħħna ċ-ċerimonja tat-tkeċċija tal-bodbod lejn id-deżert wara li jkun irċieva fuq rasu d-dnubiet tal-poplu flimkien ma' dawk tal-qassis il-kbir nhar il-festa tal-Maħfra tad-dnubiet. *Yom Kippur*. (Lev 16,21-22). Lil dan il-bodbod kienu jorbtulu ħannieqa ħamra madwar għonqu u jitilquh jiġġerra qalb id-deżert niexef u bla ħajja. Issa dan il-ġest kien it-tip u Ġesu li tassew tgħabba bi ħtijietna huwa l-anti tip. U dan Ġesu minkejja l-innoċenza tiegħu.

Hawn jidher sew u qawwi x'kien il-għan ta' dawn it-tbatijiet u ċaħdiet tal-Qaddej, il-ġustifikazzjoni tal-bniedem quddiem Alla. San Pawl ukoll jiċċara dan il-ħsieb meta jikteb: "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna insiru fih ġustizzja ta' Alla" (2 Kor 5,21). U dan il-kliem hekk qawwi ta' San Pawl qed ifakkar fil-mewt l-aktar krudila u ta' għajb, dik tas-salib. Aktar l-isfel minn daqshekk, Ġesù l-vittma espjatorja ma setax jinżel.

## L-effetti tal-mewt tal-qaddej.

L-effett l-aktar għoli ta' din il-mewt espjatorja jidher li qiegħed f'dan il-kliem: "Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tana" (Is 53,5). F'dan il-kliem hawn suppożizzjoni u ritorn ta' risq u dan sew materjali kif ukoll spiritwali. Dawn il-veritajiet narawhom fil-Bibbja bħala protezzjoni ta' Alla.

Issa l-appostlu San Pawl bl-approfondament tar-rivelazzjoni ġdida jasal biex japplika dan il-kliem għal Ġesu sofferenti. "Għax il-liġi ta' l-ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesu ħelsitni mil-liġi tad-dnub u tal-mewt. Għax dak li ma felħitx tagħmel il-Liġi, għax kienet bla saħħa minħabba l-ġisem għamlu Alla meta bagħat lil Ibnu stess f'sura ta' ġisem tad-dnub bħala vittma għad-dnub" (Rum 8,3). Il-kliem "vittma għad-dnub" ifisser biex ipatti, iħallas u jħassar id-dnub.

## Aktar tixbihat

Tixbiha oħra u li magħha hemm dejjem marbuta sinjali ta' maħfra, vittma u t-tempra qawwija li jsofri bis-sabar hija dawn: "Bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżża". Hawn jissemma il-qtil tal-ħaruf; dan ifakkar fiż-żewġ sagrifiċċji ta' kuljum *tamid*, wieħed filgħodu u l-ieħor fil-għasar ta' ħaruf raġel, li l-qassisin u l-leviti kienu jidbħu fuq il-midbaħ tat-tempju. U dan dejjem biex jitolbu maħfra u għajnuna lil Alla. Dawn iż-żewg sagrifiċċji tal-ħrief kienu obbligatorji, anke f'jum is-Sibt u f'jum il-festa tal-Għid tagħhom il-Lhud, il-Pesaħ.

Naturalment barra din ix-xena tant komuni, kien hemm ukoll il-qatla kbira tal-ħrief biex bihom ta' kull sena l-Lhud jagħmlu l-ikla tant qaddisa tal-Għid tagħhom fid-djar rispettivi tagħhom. Naturalment jiftakru fl-ewwel ikla fl-Eġittu li Mose kien ikkmandahom biex jagħmlu, u bid-demm tal-ħaruf iċappsu l-ġnub tad-djar tagħhom. U dawn il-ħrief billi kienu meqjusin oġġetti qaddisa tat-tieni grad kienu jiskarnawhom fil-bitħa tat-tempju ta' Ġerusalemm. Hekk issa ix-xebh bejn il-ħaruf manswet, u ġwejjed u l-qaddej ta' Jaħweh li huwa Ġesu jidher ċar ħafna. F'dan il-kuntest ukoll tidħol preċiż u ħafna f'postha id-definizzjoni tal-Battista meta lemaħ lil Ġesù: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1,29).

## Hawn tagħlim dwar il-qawmien?

Kif jiġri dejjem meta wieħed jiġi biex jinterpreta test mill-Bibbja dejjem ikun hemm min hu favur u ċar, u għalhekk tifhem x'ikun irid jgħid, u jkun hemm ukoll min iħalli kollox imċajpar, dubji u ħafna drabi ifixkel u jħawwad. Din il-għanja ta' Isaija tkompli turi hekk: "Wara it-tbatijiet tiegħu għad jara d-dawl".

Sa issa urejna ftit dwar it-tbatijiet: Issa Isaija isemmi id-"dawl". Issa kważi dejjem f'dan il-profeta id-dawl huwa sinjal ta' ta' ġid u paċi. Mela l-aqwa ħlas li jkun jistenna l-ġust li jkun ħabib ta' Alla u li huwa d-dawl per eċċellenza. Fil-liturġija nisranija d-dawl huwa simbolu qawwi tal-qawmien: Lux perpetua luceat eis. Jidher għalhekk li dan huwa s-success pożittiv tal-passjoni u tbatijiet tiegħu.

Il-v. 12 jidher sew li huwa l-konklużjoni loġika tal-ħlasijiet bi premju: Il-qaddej ikun meqjus mal-kbarat ta' l-art, jiġifieri l-istorja tibqa' dejjem tirrakkonta għemilu bħala wieħed ta' ġieħ u fejda. "Nagħtih il-kotra b'sehemhom", jiġifieri jkollu dixxendenza tkun kollha kemm hi tiegħu. Dan huwa tassew il-qaddej ġust, twajjeb u ħanin.

Minn ottika ta' fidi l-interpretazzjoni ta' din il-profezija ta' Isaija wieħed jara sew li din twettqet kollha fi Kristu, vittma iva, imma wkoll rebbieħ assolut fuq il-mewt, id-dnub u l-għedewwa tiegħu.



# STORJA TAL-POPLU MAGĦŻUL MILL-EŻILJU SAL-ĠUDAJIŻMU RABBINIKU (2)

*Marcello Ghirlando*

## L-Eżilju

It-Tieni Ktieb tas-Slaten (25: 22-26) jagħlaq b'kelmtejn fuq dak li ġara f'Ġuda wara l-waqgħa tal-Belt ta' Ġerusalemm. Il-Babiloniżi qiegħdu lil Gedalija bin Aħikam, bin Safan, bħala gvernatur fuq Ġuda, bil-belt kapitali tiegħu f'Misfa. Gedalija nqatel minn Ismagħel bin Netanija, bin Elisama, li kien minn nisel is-sultan. "U l-poplu kollu, mill-kbir saż-żgħir, u l-fizzjali tal-eżerċtu qabdu u rħewlha lejn l-Eġittu għax beżgħu mill-Kaldin." Magħhom kaxkru lill-Profeta Ġeremija li baqa' sal-aħħar jiddenunzja l-infedeltà ta' niesu lejn il-Patt: "Il-kelma li ġiet lil Ġeremija għal-Lhud li kienu jgħammru u joqogħdu f'Migdol, f'Taħfanħes, f'Nof, u fl-art ta' Patros u qalilhom: "Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Israel: Intom rajtu l-ħsara kollha li jiena ġibt fuq Ġerusalemm u fuq l-ibliet kollha ta' Ġuda. Arawhom, illum saru ħerba u ma hemm ħadd jgħammar fihom. Minħabba l-ħażen tagħhom li għamlu biex jinkuni u jinkurlawni billi marru jaħarqu l-inċens u jservu allat oħra, li ma kinux jafu bihom, la huma u la intom, u lanqas missirijiethom... Arawni se ndawwar wiċċi għal fuqkom biex nagħmlilkom il-ħsara u biex neqred 'il Ġuda kollu. U naqbad il-fdal ta' Ġuda li dawru wiċċhom biex imorru lejn l-Eġittu u jgħammru hemm. Għad jintemmu lkoll fl-art tal-Eġittu; u jmutu bix-xabla u bil-ġuħ; jintemmu miż-żgħir sal-kbir; imutu bix-xabla u bil-ġuħ; u jsiru dagħa u waħx, saħta u għajb. U għad nikkastiga lil kull min jgħammar fl-art tal-Eġittu, bħalma kkastigajt lil Ġerusalemm bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta. U ma jkun hemm ħadd li jeħles jew jaħrab mill-fdal ta' Ġuda, li ġew jgħammru fl-art tal-Eġittu bit-tama li jmorru lura lejn l-art ta' Ġuda, li għaliha mxennqin li jerġgħu lura fiha u jgħammru hemm. Ma jerġgħux lura, ħlief xi maħrubin" (Ġer 44: 1-3. 11-14). Is-sejħa u l-missjoni iebsa tal-Profeta Ġeremija kellha tkun żerriegħa ta' qawmien ġdid għall-ħajja tal-poplu l-magħżul. Kien aktarx f'dan iż-żmien li ngħabru f'forma definittiva l-Kotba tad-Dewteronomju, ta' Ġożwè, tal-Imħallfin, ta' Samwel u tas-Slaten.

L-eżiljati f'Babilonja, anki jekk bogħod minn arthom, organizzaw ruħhom sewwa u ħeġġew il-fjamma tal-fidi fil-laqgħat tagħhom fis-sinagogi. Din l-organizzazzjoni kellha tniżżel għeruq tajba, f'dak li għandu x'jaqsma ma' tagħlim u ħajja, speċjalment fost dawk il-Lhud li ma reġgħux lura lejn Ġerusalemm u Ġuda wara l-eżilju. Irridu nżommu quddiem għajnejna li dan iż-żmien tal-eżilju kien anki żmien ta' kriżi: ħafna mil-Lhud kellhom iħabbtu wiċċhom mal-isfida tal-fedeltà lejn il-Patt fil-kuntest ta' kulturi u reliġjonijiet differenti. Il-Ktieb ta' Danjel, ambjentat fis-snin tal-eżilju, imma miktub fit-tieni seklu QEK, jirrifletti din l-isfida u l-persekuzzjonijiet li sikwit il-Lhud sabu ruħhom fihom minħabba twemminhom. Il-Ktieb ta' Ġuditta u l-Ktieb ta' Tobit, mhumiex meqjusa bħala ispirati mil-Lhud, jirriflettu wkoll din is-sitwazzjoni. Il-Ktieb ta' Ġuditta, storja ta' mara mimlija dehen u sbuħija, ta' valur letterarju kbir, inkiteb biex f'dan il-kuntest iqawwi qalb il-poplu billi jseddaq twemminu li Alla qatt mhu sa jabbandunah, lanqas waqt diffikultajiet kbar. Il-Ktieb ta' Tobit huwa ċċentrat fuq il-ġrajja prinċipali ta' żewġ familji Lhud, eżiljati fost il-pagani, iżda li jibqgħu leali lejn it-tradizzjonijiet ta' missirijiethom, minkejja kull xorta ta' tbatija.

Fost l-eżijati ħadem il-Profeta Eżekjel. Dan kien diġà beda l-missjoni tiegħu qabel l-assedju ta' Ġerusalemm. Mhux l-ewwel darba li għażel li jirreċta biex iwassal b'qawwa l-messaġġ ta' Alla għall-poplu. U fl-eżilju ma naqasx li jgħaddi, bl-istess qawwa, messaġġ ta' tama u ta' ħelsien mill-eżilju. Impressjonanti hija l-kelma ta' kuraġġ li l-Profeta jgħaddi lill-poplu permezz tal-viżjoni tal-għadam

niexef li jerġa' jieħu l-ħajja: "U ġiet fuqi id il-Mulej u ħaditni fl-ispirtu tal-Mulej u qegħditni f'nofs il-wied. Dan kien miżgħud bl-għadam. Huwa għaddieni dawramejt madwarhom, u kien hemm kotra kbira mxerrda mal-wied, u kienu kollha niexfa qoxqox. U l-Mulej qalli: 'O bniedem, jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?' Jiena weġibt: 'Sidi Mulej, dan inti tafu' ... Jien ħabbart kif ordnali, u r-ruħ daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, eżerċtu kbir fuq li kbir... U qalli: 'O bniedem, dan l-għadam huwa d-dar kollha ta' Israel. Ara, huma jgħidu: Nixef għadamna, it-tama tagħna għabet, inqridna għal kollox. Għalhekk ħabbrilhom u għidilhom: Hekk qal Sidi l-Mulej: Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom, poplu tiegħi, u nġibkom lura f'art Israel. Imbagħad tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, poplu tiegħi. U jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja. Inqegħedkom f'artkom u tkunu tafu li jiena l-Mulej. Hekk għidt u hekk nagħmel'" (Eżek 37: 1-14).

Fis-sena 539 QEK Ċiru, sultan tal-Persja, qered lil Babilonja. Reġa' bena l-belt mill-ġdid u ħareġ proklama li biha ta l-permess lil-Lhud jerġgħu lura Ġerusalemm. Ċiru kien jemmen fil-libertà reliġjuża! Ried li l-Lhud iqimu lil Alla tagħhom f'Ġerusalemm. Il-Ktieb ta' Esdra jiftaħ b'din il-proklama li biha l-poplu beda jorganizza ruħu biex jerġa' lura bi ħġaru lejn il-Belt Imqaddsa tiegħu: "Fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej b'fomm Ġeremija, il-Mulej qanqal lil Ċiru, sultan tal-Persja, biex joħroġ proklama fis-saltna tiegħu kollha, saħansitra bil-miktub, li tgħid: 'Hekk jgħid Ċiru s-sultan tal-Persja: Il-Mulej, Alla tas-smewwiet, tani s-saltniet kollha tal-art, u qabbadni nibnilu tempju f'Ġerusalemm, belt ta' Ġuda. Kull min hemm fostkom mill-poplu kollu tiegħu, ħa jkun miegħu Alla tiegħu! Ħa jitla' Ġerusalemm, belt ta' Ġuda, u jibni t-tempju tal-Mulej, Alla ta' Israel. Hu Alla li qiegħed Ġerusalemm. U kull min fadal mill-poplu tiegħu, qiegħed fejn qiegħed, ħa jgħinuh in-nies tal-post b'fidda, deheb, ġid, bhejjem, u offerti oħra minn rajhom lit-tempju ta' Alla li hemm Ġerusalemm.' Il-kapijiet ta' djar missirijiethom ta' Ġuda u ta' Benjamin, il-qassisin u l-Leviti, u dawk kollha li Alla qanqalhom, qamu għalhekk biex jitilgħu Ġerusalemm u jibnu t-tempju tal-Mulej hemmhekk. Barra kull xorta ta' offerti li għamlu minn rajhom, dawk kollha li kienu joqogħdu madwarhom tawhom ukoll kull xorta ta' offerti ta' fidda u deheb, ġid u bhejjem, u offerti ta' valur kbir. U s-sultan Ċiru ħareġ l-oġġetti tat-tempju tal-Mulej li Nabukodonosor kien ġieb minn Ġerusalemm biex qegħedhom fit-tempju tal-allat tiegħu... ir-reċipjenti tad-deheb u tal-fidda kienu ħamest elef u erba' mija. Sesbassar ħa miegħu dan kollu meta talla' lill-eżiljati mill-Babilonja lejn Ġerusalemm" (Esd 1: 11).

## Lura f'Ġuda

Il-Persjani ħatru lil Sesbassar bħala gvernatur tal-Lhudija. Flimkien mal-qassis Ġożwè u Żerubbabel, neputi tas-


*Fdalijiet arkeoloġiċi ta' Babilonja (wikipedia.org)*

sultan Ġeħojakim, kellu jreġġa' lill-eżiljati lura lejn darhom u jerġgħu jirrestawraw it-tempju. Dan kien xogħol li sar bit-tqanżiħ minħabba l-oppożizzjoni tas-Samaritani u l-Lhud li kienu baqgħu f'Ġerusalemm waqt l-eżilju. Dawn ma tħallewx jagħtu sehemhom għax kienu meqjusa li tħalltu ma' razez oħra. Dan kompla xettel l-antipatija bejn il-Lhud u s-Samaritani (ara Esd 4).

Ix-xogħol mexa fi żmien is-sultan tal-Persja Darju I (522-586 QEK). Kien xogħol li nkoraġġewh ħafna l-Profeti Ħaggaj u Żakkarija. Ħaggaj ħeġġeġ lill-mexxejja Lhud biex jerġgħu jibnu t-Tempju mill-ġdid biex jiġbdu fuqhom il-barka ta' Alla. Żakkarija l-istess għamel: ħeġġeġ lil Żerubbabel, il-gvernatur, u Ġożwè, il-qassis il-kbir, biex itemmu xogħolhom. Għal dawn il-profeti dawn it-tnejn kienu l-magħżulin ta' Alla biex imexxu l-poplu sakemm kellu jidher sultan – il-Midluk ta' Alla – li kellu jmexxi lil Ġerusalemm u li lejh kellhom jersqu l-popli kollha tad-dinja.

Ix-xogħol fuq it-Tempju ntemm fis-sena 515 QEK. Sa nofs is-seklu V jinstema' biss il-leħen tal-Profeta Malakija rigward it-Tempju. Jidher li l-kult kien qed isir b'mod traskurat mill-qassisin li kienu wkoll qed jaħqru l-foqra u l-batuti: "U issa għalikom, qassisin, huwa dan il-kmandament. Jekk intom ma tisimgħux, u jekk ma tfittxux minn qalbkom li ssebbħu lil ismi," jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "jiena nibgħat fuqkom is-saħta, u nisħet il-barkiet tagħkom. Anzi ġa sħetthomlkom, għax intom dan ma tfittxuhx minn qalbkom. Ara, jien sa naqlgħalkom dirgħajkom barra u nwaddab il-ħmieġ ma' wiċċkom, il-ħmieġ tal-festi tagħkom, u lilkom narmikom miegħu" (Mal 2: 1-3). Dan kien qed iwassal lil ħafna għall-infedeltà lejn il-Patt u anki għal żwiġijiet imħallta.

Kien is-sultan Persjan Artasersi (464-423 QEK) li bagħat lil Neħemija bħala gvernatur u tal-Lhudija flimkien mal-qassis Esdra. Huma ħadmu ħafna għat-tiġdid reliġjuż tal-poplu fil-belt ta' Ġerusalemm; bnewlha wkoll mill-ġdid is-swar tagħha. Saret insistenza fuq it-tiġdid tal-ħarsien tal-Patt. Ta' importanza kbira, kif diġà għidna fid-Daħla, huwa l-Kapitlu 8 tal-Ktieb ta' Neħemija. Hawn jitwieled il-Ġudajiżmu veru u proprju, fid-dehra tal-poplu li huwa miġbur biex JISMA' l-Kelma u jħalli lilu nnifsu jintaġar u jintgħaġen mill-Ktieb tal-Liġi. Wisq probabbli l-qari sar minn verżjoni bikrija tat-Torah.

Bħal donnhom il-Lhud skoprew mill-ġdid għeruqhom, il-festi l-kbar tagħhom, li magħhom intrabat l-obbligu tal-pellegrinaġġ, speċjalment tal-Lhud li kienu baqgħu fil-Babilonja u dawk li tferrxu anki fl-Eġittu. Tipiku tal-Lhud li kienu jgħixu fid-Dijaspora huwa l-Ktieb ta' Ester. Dan jinqara fil-festa Lhudija tal-Purim (għażla bix-xorti) u juri kif Alla jħares il-poplu tiegħu, anki jekk jgħix f'art barranija u jgħaddi mill-persekuzzjoni. Kien żmien ta' tiġdid li nissel ukoll sens ta' nazzjonaliżmu qawwi, forsi anki xi ftit esaġerat. Hemm min iżomm li kien f'dan iż-żmien li b'reazzjoni nkitbu l-Ktieb ta' Rut li jirrakkonta, fil-kuntest ta' żmien l-Imħallfin, l-istorja ta' Rut – mara Mowabita li daħlet fit-twemmin u d-drawwiet tal-Lhud, u l-Ktieb ta' Ġona, bl-istorja fittizzja tal-profeta li jagħti isem lill-Ktieb. Il-messaġġ huwa qawwi: Alla jħobb u jaħfer lil kulħadd u mhux biss lil-Lhud.

L-importanza kbira li ngħatat lill-belt ta' Ġerusalemm u lit-Tempju bħala l-benniena ewlenija tal-kult kompliet biegħdet lis-Samaritani mil-Lhud. Dawn bnew tempju fuq l-Għolja Gariżim.

Kien wasal żmien l-espansjoni militari ta' Alessandru l-Kbir (331-323 QEK) li rebaħ lil Darju III. Alessandru miet qasir il-għomor. Saltnatu nqasmet bejn il-ġenerali tiegħu.

L-Eġittu u l-Lhudija, li s'issa kienu Provincja tal-Persja, ġew taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ptolomej (320-198 QEK). Il-Ptolomej ħakmu mill-Eġittu u s-Selewċidi ħakmu mis-Sirja, dejjem b'kilba għall-artijiet fin-naħa tan-Nofsinhar. Fis-sena 198 QEK, is-Selewċidu Antijoku III (223-187 QEK) rebaħ lil Ptolomew V u ħakem fuq il-Lhudija. Għall-bidu Antijoku III aġevola lil-Lhud. Fis-sena 190 QEK tilef il-battalja kontra r-Rumani f'Magnesja, qrib Efesu, u kellu jċedi t-territorji tiegħu fl-Asja ż-Żgħira. Inqatel sena wara u ibnu Selewċju IV (187-175 QEK) laħaq warajh. Kien dan li ordna li t-Tempju ta' Ġerusalemm jitneżża' mit-teżori tiegħu.

Huwa f'dan iż-żmien, meta l-kultura u l-lingwa Griega tferrxu sewwa, li bdiet issir it-traduzzjoni tal-Iskritturi Lhud fil-lingwa Griega, dik il-verżjoni li ssejħet tas-LXX (sebgħin); ħafna Lhud tad-Dijaspora ma baqgħux jużaw l-Ebrajk u l-Aramajk imma l-Grieg.

## Ir-Rewwixta tal-Makkabin u d-Dinastija tal-Asmonin

Selewċju IV nqatel fis-sena 175 QEK. Floku laħaq Antijoku IV Epifani (175-163 QEK) li jitqies bħala dak li qanqal ir-Rewwixta tal-Makkabin. Dan kollu hu rrakkuntat fl-Ewwel u fit-Tieni Ktieb tal-Makkabin li mhumiex meqjusa bħala testi ispirati mil-Lhud. Il-ġrajjiet imsemmija jinbnew fuq dak iż-żmien imqalleb li għadda minnu l-poplu Lhudi taħt is-Selewċidi li riedu jimponu fuqhom il-kultura u r-reliġjon Ellenistika u jħassru l-identità proprja tagħhom. Fiż-żewġ kotba, anki jekk huma differenti minn xulxin, hemm il-ġrajjiet ta' nies qalbiena li kienu lesti jieħdu saħansitra l-mewt biex ma jċedux taħt il-pressjoni morali tal-ħakkiema tagħhom. Il-mexxejja tagħhom kienu wlied il-qassis Mattatija: Ġuda l-Makkabi, Ġonatan u Xmun. Dawn kellhom ikunu l-għerq tad-dinastija rjali Lhudija tal-Asmonin.



*Qbra tal-Makkabin qrib Modi'in, Israel (israelinphotos.com)*

Malli laħaq Antijoku IV Epifani, Ġasun, mill-familja ta' Onija, xaħħam lis-sultan biex seta' jilħaq hu bħala l-Qassis il-Kbir fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Man-nomina tiegħu Ġasun beda jdaħħal il-kultura Ellenistika f'Ġerusalemm: "Bnew ġinnasju f'Ġerusalemm skont id-drawwa tal-Ġentili, neħħew is-sinjali taċ-ċirkonċiżjoni u ċaħdu l-patt il-qaddis, bdew jitħalltu mal-Ġentili u biegħu ruħhom għall-ħażen" (1Mak 1: 14-15). Għal din ir-raġuni Ġasun tneħħa mill-kariga tiegħu u floku tqiegħed Menelaws, mill-familja ta' Tobija.

Antijoku IV Epifani sadattant seraq it-teżori mit-Tempju huwa u tiela' lura mill-Eġittu wara li rebaħ lil Ptolomew VI. Fis-sena 168 QEK hu reġa' daħal l-Eġittu imma kellu jirtira ħesrem għax sab ruħu wiċċ imb wiċċ mal-armata Rumana. Huwa u tiela' lura fis-Sirja reġa' ħabat għal Ġerusalemm, ċaħad lil Ġasun li jneħħi lil Menelaws, ipprojbixxa l-ħarsien tas-Sibt, il-qari mit-Torah u anki li ssir iċ-ċirkonċiżjoni lit-tfal subien. Ordna li Żews jingħata qima fit-Tempju u li jsiru sagrifiċċji ta' ħnieżer lill-allat: "Tkabbar u ftaħar b'li kien għamel. U waqa' swied

il-qalb kbir fuq Israel ma' kullimkien. Bkew il-kbarat u l-anzjani; intelqu x-xebbiet u l-ġuvintur; u l-ġmiel tan-nisa dbiel. Infexx jibki kull għarus, u baqgħet bid-dmugħ f'għajnejha l-għarusa fil-għorfa tagħha. Minħabba n-nies tagħha triegħdet l-art, u d-dar kollha ta' Ġakobb inksiet bil-għajb" (1Mak 1: 24-28).

Kienu bosta l-Lhud li fehmu sewwa li l-politika ta' Antijoku IV Epifani kienet qiegħda ġġib fix-xejn l-identità reliġjuża, politika u kulturali tagħhom. Kontra din il-politika qamu bl-aħrax il-qassis Mattatija u l-ħames ulied u dawk kollha li ssieħbu magħhom. "Kull min hu għajjur għal-Liġi u jrid jibqa' jżomm il-Patt joħroġ warajja!" (ara 1Makk 2). Ir-rewwixta tal-Makkabin irnexxiet: twaqqfet il-politika tas-Selewċidi u l-ħarsien tal-Liġi ta' Mosè reġa' sar il-pern tal-ħajja Lhudija. It-Tempju ssaffa u kien ikkonsagrat mill-ġdid fis-sena 164 QEK (ara 1Mak 4: 36-61). Il-familja tal-Makkabin, l-Asmonin, saret il-familja li bdiet tmexxi fil-Lhudija.

Ftit qabel il-mewt tiegħu fis-sena 160 QEK, Ġuda l-Makkabi għamel ftehim mar-Rumani. Warajh laħaq Ġonatan (160-142 QEK) li sar gvernatur tal-Lhudija u anke Qassis Kbir. Kien ħuh Xmun (142-135 QEK) li neħħa darba għal dejjem ir-rabta mas-Selewċidi billi keċċa 'l barra l-armata tagħhom minn Ġerusalemm. B'hekk hu sar etnarka. Xmun inqatel fis-sena 135 QEK. Floku laħaq ibnu, Ġwanni Irkanu I (134-104 QEK) bħala etnarka u Qassis Kbir. Dan kien imġiegħel mis-Selewċidi jieħu sehem f'kampanja militari telliefa kontra l-Parti. Aktar tard hu saħħaħ saltnatu billi rebaħ diversi territorji fit-Trasġordanja, fl-Idumija u anki fis-Samarija, fejn ġarraf it-tempju mibni mis-Samaritani fuq l-Għolja Garizim.

It-territorju tal-Asmonin infirex aktar taħt ulied Ġwanni Irakanu I: Aristobolu (104-103 QEK) li temm il-kisba tat-territorji fil-Galilja, u Alessandru Jannew (102-76 QEK) li rebaħ l-ibliet fuq il-kosta u dawk fit-Tramuntana tat-Trasġordanja. Il-battalji għat-territorji waqqfu fi żmien is-saltna ta' Salome Alessandra (76-67 QEK), mart Alessandru Jannew. Hija l-unika mara li kellha t-tmexxija f'idejha fi żmien id-dinastija tal-Asmonin. Irnexxielha tagħmel il-paċi mal-Fariżej, l-għedewwa storiċi ta' żewġha, li kien qatel mijiet tal-mexxejja tagħhom billi sallabhom mal-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm.

L-Asmonin inqasmu f'żewġ partiti mal-mewt ta' Salome Alessandra. Uliedha, Ġwanni Irkanu II u Aristobolu II, issieltu għat-tron. Kien il-Ġeneral Ruman Pompej li qata' l-kwistjoni. Fis-sena 65 QEK tela' għal Ġerusalemm; mhux biss ipprofana l-post ta' Qaddis tal-Qaddisin fit-Tempju billi daħal fih imma qatel ħafna mill-poplu tal-belt. Qatagħha li Ġwanni Irkanu II jkun etnarka tal-Lhudija u tal-Galilija dipendenti minn Ruma, kif ukoll Qassis Kbir. Dal-ftehim saddad 5 snin sal-mument li fih it-territorju nqasam f'ħames distretti mmexxija minn esponenti ewlenin tal-partit tas-Sadduċej. Fosthom ta' min isemmi lil Antipater li mexxa lill-Idumija u li kien diġà għen lil Ġwanni Irkanu II fil-ġlieda tiegħu għas-suċċessjoni kontra ħuh Aristobolu II.

Il-Ġeneral Pompej miet fis-sena 48 QEK. L-Imperatur Ġulju Ċesari ppremja lil Ġwanni Irkanu II u lil Antipater li kienu għenuh fil-kampanja militari tiegħu kontra l-Eġittu billi kabbar it-territorji li Ġwanni Irkanu II kellu qabel u wettaq miżuri ta' ħarsien għall-komunitajiet Lhud tad-Dijaspora. Ulied Antipater, Fasael u Erodi, saru gvernaturi tal-Lhudija u tal-Galilija rispettivament. Wara l-qtil ta' Ċesari fis-sena 44 QEK, Mark Antonju u Ottavjanu, kontra x-xewqa tal-Lhud, ħatru lil Fasael u Erodi bħala tetrarki tal-Lhudija. Fis-sena 40 QEK

il-Parti invadew il-Lhudija. Ġwanni Irkanu II tilef it-tron u floku laħaq neputih Antigonu (40-37 QEK). Fasael inqatel u Erodi ħarab lejn Ruma. Fis-snin 37-34 QEK Erodi jirbaħ lil Ġerusalemm u jsir sultan tal-Lhudija, anki jekk kontra x-xewqa tal-Lhud u d-diversi kurrenti reliġjużi tagħhom.

Irridu niftakru hawnhekk fit-tliet gruppi reliġjużi li kellhom sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u politika fil-Lhudija fi żmien it-Tieni Tempju (100 QEK – 100 EK): is-Sadduċej, il-Fariżej u l-Esseni, gruppi jew movimenti li jsibu l-għeruq storiċi tagħhom fil-ġlieda għall-ħarsien tal-identità proprja fi żmien ir-Rewwixta tal-Makkabin u li fuqhom jikteb l-istoriku Lhudi Ġużeppi Flavju. Dan kien Lhudi, storiku u suldat fl-1 seklu EK. Twieled Ġerusalemm u fis-sena 64 EK mar Ruma biex jinnegozja l-ħelsien ta' xi qassisin Lhud. Fis-sena 66 EK, fil-bidu tat-tieni rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani, intgħażel bħala kmandant militari tal-Galilija. Ċeda lir-Rumani fil-waqgħa ta' Jotapata. B'xorti tajba akkumpanja lil Vespasjanu u lil Titu fl-assedju kontra Ġerusalemm. Kiteb diversi opri li jagħtuna stampa ċara tal-ħajja u tal-istorja tal-Lhud, b'mod partikulari ta' dan iż-żmien storiku li fuqu qed nitkellmu.

L-aktar li kellhom influwenza politika kienu s-Sadduċej, anki jekk numerikament kienu aktarx l-iċken. Il-biċċa l-kbira tas-Sadduċej – isem ġej minn Sadok li kien Qassis Kbir fi żmien David – kienu ġejjin mill-familji tal-Qassisin il-Kbar u mill-familji influwenti ta' Ġerusalemm. Duttrinalment dawn kienu jżommu li ma kienx meħtieġ li l-Liġi ta' Mosè titfisser bil-Liġi Orali; ma kenux jemmnu fil-ħajja wara l-mewt. Politikament kienu opportunisti. Il-Fariżej – isem ġej mill-kelma *peruxim*, jiġifieri dawk maqtughin mill-oħrajn – għall-kuntrarju, kienu jemmnu fil-qawmien għall-ħajja wara l-mewt u l-ħtieġa tal-interpretazzjoni orali tal-Liġi miktuba. Wara l-mewta vjolenta ta' ħafna minnhom minn idejn Alessandru Jannew, il-Fariżej – kuntrarju għas-Sadduċej – inqatgħu mill-politika u emmnu li l-miġja tal-Messija ħellies setgħet titħaffef biss bil-ħarsien bir-reqqa tal-Liġi ta' Mosè, kemm dik miktuba u kemm dik l-interpretazzjoni tagħha mgħoddija bil-fomm. Fergħa ċkejkna tal-Fariżej huma ż-Żeloti li kienu jemmnu li kienet meħtieġa l-ħidma politika, anki dik vjolenti, biex jitħaffef iż-żmien għall-wasla tal-Messija.

Mill-Fariżej ħarġu wkoll l-Esseni. L-arkeoloġija tikkonferma li kellhom l-akbar ċentru tagħhom f'Qumran, f'xatt il-Baħar il-Mejjet, mhux bogħod mill-belt ta' Ġeriko. Dawn infirdu mill-istituzzjonijiet reliġjużi tat-Tempju: qatt ma kienu aċċettaw il-fatt li l-Asmonin, mingħajr dritt ta' nisel saċerdotali, kienu jkunu slaten u qassisin kbar fl-istess ħin. L-Esseni ħolqu komunitajiet maqtugħin mill-ħajja tal-ibliet, kollha mehdija fix-xogħol, fit-talb u fl-istudju tat-Torah, taħt it-tmexxija tal-Imgħallem tas-Sewwa. Hekk jidher mill-fdalijiet tal-Iskrolls tal-Baħar il-Mejjet li nstabu b'kumbinazzjoni lejn tmiem is-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor.

Fuq livell ta' ħajja ta' kuljum kienu s-Sadduċej u l-Fariżej li l-aktar kellhom influwenza fuq il-ġrajjiet reliġjużi u politiċi. Il-membri tas-Sinedriju, l-awtorità suprema Lhudija fil-belt ta' Ġerusalemm, kienu ġejjin mis-Sadduċej, u minn żmien Salome Alessandra, anki mill-Fariżej.

## Żmien it-Tieni Tempju

Diffiċli tgħid għaliex Erodi jissejjaħ "il-Kbir" fl-istorja. Jista' jkun għaliex f'ħafna sensi kien megalomanijaku: fi żmienu l-bini ta' fortizzi, teatri u amfiteatri, monumenti u binjiet oħra ma waqafx. Jew forsi għall-kumpless ta' persekuzzjoni li kellu, li wasslitu joqtol lill-avversarji politiċi tiegħu,

veri jew presunti, mingħajr l-ebda ħniena – inklużi membri tal-familja tiegħu!

Malli Erodi sar sultan qatel 45 membru mill-71 tas-Sinedriju talli kienu kontrih u favur Antigonu. Fost dawk li ħelsuha kien hemm il-Fariżej Rabbi Ħillel u Rabbi Xammaj. Erodi ried lil Ħananel, Lhudi minn Babilonja, bħala Qassis Kbir. Iżda bil-pressjoni li saret fuqu minn Kelopatra fl-Eġittu, li tat widen għal Alessandra, omm martu Marjanni u bint Ġwanni Irkanu II, għamel lil Aristobolu, ħu Marjanni. Iżda dan miet ftit wara, taħt ċirkustanzi misterjużi, u floku sar Ħananel. Meta Mark Antonju u Kleopatra, li kieu għenu ħafna lil Erodi jsir sultan, tilfu l-battalja ta' Aktium fis-sena 31 QEK, Erodi wiegħed fedeltà lil Ottavjanu, li bħala Imperatur ħa l-isem ta' Ċesari Awgustu.

Alessandra u bintha Marjanni, mart Erodi, inqatlu minnu flimkien ma' Kostobaru, il-gvernatur tal-Idumija, għax ikkonfoffaw kontrih. Erodi saltan bħala aġent ta' Awgustu għal 27 sena sħaħ. Biex jitħabbeb mal-Lhud bena Tempju ġdid u maestuż f'Ġerusalemm. Bena l-belt-port ta' Ċesarija fuq il-Baħar, impriża arkitettonika impressjonanti; reġa' bena l-fortizzi Asmonin fil-Wied tal-Ġordan, fosthom Masada u l-Erodjon, il-belt tas-Samarija u l-Palazz tiegħu f'Ġeriko. U dan barra diversi monumenti li bena f'pajjiżi barranin, fosthom fuq il-gżira ta' Rodi.

Ir-Rumani bħal donnhom dejjem urew appoġġ għall-għemil ta' Erodi ħlief għad-drawwa li kellu li joqtol u jeħles minn dawk kollha li kien jaħseb li kienu kontrih. Ftit qabel ma miet, fis-sena 4 QEK, tella' ajkla kbira tal-bronż fuq il-bieb prinċipali tat-Tempju. Il-Lhud irvillaw u Erodi wieġeb billi qatel lil dawk kollha li kienu qamu kontrih.

Mal-mewt ta' Erodi l-Kbir, Ċesari Awgustu qasam saltnatu bejn tlieta minn uliedu, kif kien xtaq Erodi stess. Erodi Arkelaws saltan fuq il-Lhudija (4 QEK – 6 EK) bħala etnarka; Erodi Antipas (4 QEK – 39 EK) saltan fuq il-Galilija u l-Perija bħala tetrarka; u Erodi Filippu (4 QEK – 34 EK) saltan fuq it-Tramuntana tal-Galilija.

Wara li l-Lhud darbtejn bagħtu ambaxxata Ruma biex jipprotestaw kontra l-vjolenza ta' Arkelaws, Awgustu neħħih, eżiljah u qiegħed il-Lhudija taħt it-tmexxija ta' Prefett Ruman. Fosthom ta' min isemmi lil Ponzju Pilatu, li mhux l-ewwel darba uża qawwa vjolenti kontra l-Lhud li kienu jipprotestaw kontra l-mod ta' kif kien iġib ruħu magħhom. Pilatu wkoll tneħħa mill-kariga tiegħu.

F'dan iż-żmien is-Sinedriju f'Ġerusalemm reġa' kiseb l-importanza li kellu fl-amministrazzjoni lokali sakemm twaqqaf minn Erodi l-Kbir. Il-Qassisin il-Kbar baqgħu jintgħażlu minn fost is-Sadduċej li, min-naħa tagħhom, b'mod xi ftit opportunistiku, baqgħu jikkollaboraw mar-Rumani minkejja l-oppożizzjoni siekta li kienet qiegħda tinħema kontrihom fi qlub il-poplu.

F'diversi komunitajiet Lhud tad-dijaspora bdiet tinħass ix-xewqa għal aktar awtonomija, li mhux dejjem intlaqgħet tajjeb mill-mexxejja. Tiberju Ċesari li laħaq fis-sena 14 EK kien infurmat bil-ħidma tal-Lhud Ħanilaj u Ħasinaj li kienu waqfu komunità Lhudija awtonoma f'Neħardija, fil-Babilonja. Taħt Kalligula (37-47 EK) il-Lhud ta' Lixandra talbu d-drittijiet ta' ċittadini Rumani. Il-Ġentili pattewhielhom billi daħlu fis-sinagogi u qiegħdu l-istatwi tal-Imperaturi Rumani filwaqt li l-gvernatur Ruman Awlu Avilliju Flakku ordna l-flaġellazzjoni għal 38 membru tal-Kunsill Lhudi u n-nisa Lhud kienu mġiegħla jieklu l-laħam tal-majjal. Indaħal Agrippa I, neputi ta' Erodi l-Kbir, li kien laħaq flok zijuh Erodi Filippu u kkonvinċa lill-Imperatur biex ma jdaħħalx

il-kult imperjali fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Lil-Lhud ħeġġiġhom biex ma jindaħlux fil-kult imperjali tal-Ġentili.

L-Imperatur Klawdju (41-54 EK) kellu jindaħal biex jitlob tolleranza reċiproka bejn il-Lhud u l-Ġentili f'Lixandra. Kien dan l-Imperatur li għadda l-Lhudija lis-sultan Agrippa I. B'xorti ħażina, mal-mewt ta' dan is-sultan fis-sena 44 EK, il-Lhudija reġgħet saret parti minn provinċja Rumana u borma ta' nkwiet. Ir-ribelljoni tal-qlub bdiet tgħolli rasha bid-dieher; il-Prokuratur Tiberju Ġulju Alessandru (46-48 EK) ħabbat wiċċu mal-ġuħ fil-pajjiż; Ventidju Kumanu (48-52 EK) kellu jħabbat wiċċu ma' rvellijiet, kunflitt bejn il-Galilin u s-Samaritani, u saħansitra massakru fit-Tempju; Antoninu Feliċ (52-60 EK) ħabbat wiċċu ma' ġellieda u nazzjonaliżmu Lhudi mlaqqam b'qawwa fl-istennija messjanika. Fi żmien Ġessju Floru (64-66 EK) il-Lhud u l-Ġentili tqatlu wkoll f'Ċesarija fuq il-Baħar. Hu ħalla l-armata tirvilla f'Ġerusalemm u toqtol numru ta' Lhud. Meta l-Lhud pattewhielu u qatlu Leġjun Ruman ċkejken, il-gvernatur tas-Sirja niżel kontra Ġerusalemm bl-armata tiegħu. Sab reżistenza qawwija u għalhekk irtira n-naħa tal-kosta. Imma l-kbir kien għadu ġej!

Kien f'dan il-kuntest storiku ta' messjaniżmu u nazzjonaliżmu qawwi li twieled il-Kristjaneżmu mlaqqam fit-twemmin Nisrani fil-persuna ta' Ġesù minn Nazaret tal-Galilija, imsallab mill-Prefett Ruman Ponzju Pilatu, u li skont id-dixxipli tiegħu, qam minn bejn l-imwiet. It-tixrid tat-twemmin Nisrani, fil-bidu meqjus bħala twemmin partikulari ta' setta Lhudija, huwa miġbur fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Il-Kristjaneżmu tferrex ukoll bil-ħidma ta' Pawlu ta' Tarsu, Lhudi tad-dijaspora, ikkonvertit għall-Kristjaneżmu. Ħalla diversi ittri li jixhdu kemm il-Kristjaneżmu xtered malajr. Pawlu kien ċar fil-ħidma missjunarja tiegħu: hu xerred it-twemmin li l-Liġi ta' Mosè kienet tilfet l-importanza tagħha u ma baqgħetx triq ta' salvazzjoni u ħajja għal min kien ħaddan il-Kristjaneżmu.

Il-Ġudajiżmu qatt ma aċċetta l-messaġġ miġbur fil-Kristjaneżmu, anki jekk dan tlaqqam fih. Il-Komunità Lhudija kienet pronta li taqta' barra dawk il-Lhud li emmnu u ħaddnu l-Kristjaneżmu.

## Rewwixti Lhud kontra r-Rumani u l-bidu tal-Ġudajiżmu Rabbiniku

Kien l-Imperatur Neruni li fis-sena 67 EK bagħat lill-Ġeneral Vespasjanu biex jerġa' jġib l-ordni fil-Lvant Nofsani. Niżel bl-armata min-naħa tat-Tramuntana, rebaħ il-belt ta' Jotapata u qatel il-popolazzjoni tagħha. Sadattant iż-Żeloti ħadu f'idejhom bil-vjolenza l-belt ta' Ġerusalemm. Vespasjanu niżel b'qilla: ħa f'idejh it-Trasġordanja, il-Majjistral tal-Lhudija, l-Idumija, is-Samarija u Ġeriko. Il-qilla qerrieda tiegħu waqfet biss fis-sena 68 EK meta Neruni qatel ruħu b'idejh. Kulma kien fadal f'idejn il-Lhud kienet il-belt ta' Ġerusalemm u xi fortizzi Erodjani.

Kif kien ħabbar Ġużeppi Flavju, fis-sena 69 EK Vespasjanu sar Imperatur u ibnu Titu kompla t-taqbida kontra l-Lhud bl-assedju ta' Ġerusalemm. F'April tas-sena 70 EK huwa dawwar lil Ġerusalemm bl-armata. Sa Awwissu ħa f'idejh il-belt. It-Tempju nqered bin-nar darba għal dejjem. Għal Titu kienet festa. Fis-sena 71 EK saret purċissjoni trijonfali f'Ruma, kif għadu jixhed l-ArK ta' Titu f'Ruma. Sas-sena 74 EK intrebħet il-bqija tal-fortizzi, inkluża Masada, li l-fdalijiet tagħha għadhom jidhru sal-lum.

Il-Lhud li ma mitux jew ma ttiħdux bħala lsiera bdew jibnu mill-ġdid. Ir-Rumani baqgħu jagħrfu lir-reliġjon Lhudija. Is-Sadduċej u l-Esseni spiċċaw fix-xejn. Kien imiss issa lill-Fariżej biex jittrasformaw il-Ġudajiżmu li issa ma

kellux aktar Tempju u kult sagrifikali.

Rabban Ġoħanan bin Żakkaj irnexxielu jiġbor flimkien grupp ta' mgħallma Fariżej (Tannajim) fil-belt kostali ta' Ġamnija fil-Lhudija. Dawn l-imgħallma, li bdew jinġabru flimkien taħt it-tmexxija ta' kap imsejjaħ nasi, u li bħala l-awtorità fil-kwistjonijiet tal-Ġudajiżmu bdew jieħdu deċiżjonijiet li kienu jorbtu l-poplu, żviluppaw it-tradizzjoni legali tal-Ġudajiżmu. Ma' bin Żakkaj, u aktar tard ma' Rabban Gamaljel II, ġabru t-tagħlim tal-iskejjel tar-Rabbini Ħillel u Xammaj. Iddeterminaw il-ġabra tal-Iskrittura Mqaddsa Lhudija, taw struttura lit-talb ta' kuljum u għaddew lill-istituzzjoni tas-sinagoga xi osservanzi tat-Tempju, bħal, ngħidu aħna, ir-ritwali marbuta mal-Festi tal-Pellegrinaġġ, l-ikla tal-Għid (seder) u d-daqq tax-xofar fil-festa tal-Bidu tas-Sena l-Ġdida.

Diversi mgħallma għorrief tal-bidu ħallew isem fl-iżvilupp tal-Ġudajiżmu, fosthom ir-rabbini Elgħażar bin Irkanu, Elgħażar bin Għażarija, Ġożwè bin Ħanina, Ħananija bin Tardjon, Ismagħel bin Eliżew. Fit-tieni seklu wieħed jista' jsemmi lir-Rabbi Akiba bin Ġużeppi (50-135 EK) li kien pijunier fl-interpretazzjoni tal-Iskritturi Lhud.

Imma żmien ir-rewwixti ma kienx għadu ntemm. Meta l-Imperatur Trajanu (98-117 EK) daħal fil-Lvant, il-Lhud tal-Babilonja qamu kontrih. Aktar tard inqalgħu rewwixti fost il-Lhud kontra r-Rumani f'diversi ċentri tad-dijaspora: f'Lixandra, fiċ-Ċirenajka, fl-Eġittu u f'Ċipru.

Fil-Lhudija kien Xmun bin Kewkba, megħjun minn Rabbi Akiba, li reġa' mexxa l-Lhud kontra r-Rumani fis-sena 132 EK. Il-Lhud ma felħux aktar għall-politika ta' ellenizzazzjoni ta' bilfors tal-Imperatur Adrijanu (117-138 EK). Ir-rewwixta kienet devastanti: il-Lhudija nqerdet għal kollox. Eluf ta' Lhud inqatlu, inklużi Xmun u Rabbi Akiba, u dawk li kien fadal tkeċċew minn pajjiżhom. Dan kollu kien ta' tagħlima għal-Lhud li bdew jiżviluppaw relazzjoni aktar konċiljattiva mar-Rumani li ssarrfet f'barka: il-Ġudajiżmu Rabbiniku beda jiżviluppa bil-kotra.

Iċ-ċentru tal-ħajja Lhudija ttieħed fil-Galilija. Id-dixxipli ta' Rabbi Akiba sejħu s-Sinedriju tal-imgħallmin f'Usa. Fost l-imgħallma li ħallew isem kien hemm Rabban Xmun bin Gamaliel II u Rabbini Elgħażar bin Xammua, Ġożwè bin Salafta, Ġuda bin Illaj, Xmun bin Ġoħai u Rabbi Meir. Dawn ikkodifikaw u xerrdu d-deċiżjonijiet legali tal-ġenerazzjonijiet li ġew qabilhom.

## It-twelid tal-Mixnah u t-Talmud

Fit-tielet seklu l-Imperaturi Rumani ħallew in-nasi jappuntaw imħallfin għall-qrati Lhud, jibagħtu messaġġiera lill-komunitajiet Lhud tad-dijaspora u jiġbru t-taxxi. Ir-redazzjoni tal-Mixnah nafuha lil Rabbi Ġuda n-Nasi. Il-Mixnah hija l-ewwel frott miktub tal-Ġudajiżmu Rabbiniku. Dik li tissejjaħ il-Liġi Orali, jiġifieri d-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet li ttieħdu maż-żmien biex il-preċetti tal-Liġi ta' Mosè jiġu attwalizzati fil-każijiet konkreti, dejjem ġodda, tal-ħajja ta' kuljum u s'issa mgħoddija biss bil-fomm, inġabru bil-miktub u b'mod sistematiku f'dan il-volum ta' preċetti morali (ħalakah).

Il-Mixnah tinqasam f'sitt sezzjonijiet jew ordnijiet. Kull sezzjoni mbagħad tinqasam f'kapitli jew trattati li jiddiskutu suġġetti speċifiċi. L-ewwel sezzjoni, Żerriegħa, tibda b'diskussjoni fuq il-barkiet u t-talb u tkompli b'kapitli fuq is-sehem tal-ħsad li jingħata lill-qassisin, il-Leviti u l-fqar. It-tieni sezzjoni titkellem fuq il-Festi, bi tnax-il kapitlu fuq is-Sibt, l-Għid, Jum il-Maħfra, festi oħra, għotjiet tax-xekel u t-tħabbira tas-sena l-ġdida. It-tielet sezzjoni titkellem


Mixnah Torah (wikipedia.org)

fuq in-Nisa, b'seba' kapitli li jitħaddtu fuq l-għerusija, iż-żwieġ, kuntratti u divorzju. Ir-raba' sezzjoni titkellem fuq id-Danni, b'għaxar kapitli fuq il-liġi ċivili, drittijiet ta' proprjetà, proċeduri legali, kumpens għad-danni, oġġetti mitlufa, l-imġiba mal-ħaddiema, qrati Lhud, kastigi, proċeduri kriminali eċċ. F'din is-sezzjoni nsibu wkoll kapitlu ta' massmi morali, il-Kelma tal-Missirijiet. Fil-ħames sezzjoni li titkellem mill-Affarijiet Qaddisa, hemm ħdax-il kapitlu fuq l-offerti sagrifikali u l-imġiba li għandha x'taqsam mat-Tempju. L-aħħar sezzjoni titkellem fuq il-Purifikazzjoni: fiha hemm tnax-il kapitlu fuq l-indafa ritwali li trid issir meta wieħed ikun ritwalment imniġġes.

Sadattant is-Sinedriju tar-Rabbini mmexxi min-nasi beda jiltaqa' fil-belt ta' Tiberija. Imgħallmin oħra waqqfu l-iskejjel tagħhom f'diversi bliet, jistudjaw u japplikaw il-Mixnah u tagħlim ieħor rabbiniku (berajtot) mhux inklużi fiha.

Kien żmien ta' dekadenza kbira fl-Imperu Ruman sakemm ma seħħitx riforma taħt Dijoklezjanu (284-306 EK) li ħadha bl-aħrax kontra t-tixrid tal-Kristjaneżmu. Bl-Editt ta' Milan (313 EK), is-suċċessur tiegħu Kostantinu l-Kbir (306-337 EK), qiegħed il-Kristjaneżmu bħala r-reliġjon uffiċċjali tal-Imperu. Il-Ġudajiżmu tqies bħala legalment inferjuri għall-Kristjaneżmu.

Fl-ewwel nofs tar-raba' seklu t-tagħlim u d-diskussjoni ħajja fuq il-Mixnah mill-imgħallma (Amorajim) ta' Tiberija, Ċesarija u Seforis inġabru flimkien f'diversi volumi magħrufa bħala t-Talmud tal-Palestina. Dan it-Talmud kellu jkun il-parallel tat-Talmud li kien qed jinġabar mill-imgħallmu Lhud fil-Babilonja.

Fil-Babilonja, sa mill-eżilju tal-Lhud fis-VI seklu QEK, kibret komunità Lhudija organizzata ħafna u mmexxija minn Eżilarka (kap tal-eżiljati) li kien jiġbor it-taxxi, jinnomina mħallfin u kien jirrappreżenta lil-Lhud fil-qorti rjali tal-Persja. Xi mgħallma Lhud mill-Palestina kienu marru fil-komunità Lhudija fil-Babilonja waqt ir-rewwixta tas-snin 133-135 EK. Aktar tard xi Lhud mill-Babilonja kienu niżlu wkoll jistudjaw fil-Galilija. Dan l-iskambju kien providenzjali waqt iż-żmien tal-kodifikazzjoni tal-Mixnah. Anki fil-komunità tal-Babilonja kienu għaddejjin studji u diskussjonijiet fuq l-applikazzjoni tal-Mixnah, speċjalment fl-akkademja Lhudija f'Sura, immexxija minn Rabbi Abba bin Għajvu, u fl-akkademja ta' Neħardija u fl-iskola ta' Pumbdita. Id-deklin tal-istituzzjonijiet fil-Palestina għamel li fil-Babilonja jiżviluppa ċ-ċentru l-aktar importanti ta' studju fost il-Lhud. Neħħi żmien ta' tletin sena ta' persekuzzjoni (445-475 EK), l-istudji kibru tant li fis-seklu VI tlesta x-xogħol fuq it-Talmud tal-Babilonja, xogħol mibdi f'Sura minn Rabbi Għasi (335-427 EK).

Irridu niftakru li taħt Sapur I (241-270 EK), li ħalla fil-libertà r-reliġjonijiet mhux Żoroastri kontra l-politika tal-predeċessur tiegħu Ardasir (226-240 EK), li nieda ż-żmien tas-Sassanjani, l-Eżilarkat Lhudi sar magħruf uffiċċjalment.

Il-Lhud aċċettaw li l-liġijiet tal-istat jieħdu prijorità fuq dawk tagħhom, basta ma kenux kontra r-riti u ċ-ċerimonji Lhud.

It-Talmud Babiloniż jiġbor fih id-diskussjonijiet fuq il-Mixnah tal-imgħallma Lhud fl-akkademji fuq imsemmija. Interessanti nżidu li d-diskussjoni Talmudika hija aktar wiesgħa minn dik tal-Mixnah għax tmiss ukoll suġġetti bħat-teoloġija, il-filosofija u l-etika.

Kollox ma' kollox f'dawn l-ewwel sitt sekli l-istudjuzi Lhud – it-Tannajim tal-ewwel żewġ sekli u l-Amorajim mit-tieni seklu sas-sitt – żviluppaw diversi modi ta' interpretazzjoni tat-Torah, kemm dik miktuba kif ukoll dik orali, jiġifieri l-interpretazzjoni u l-attwalizzazzjoni tal-liġi miktuba. Skont it-tradizzjoni tal-Fariżej, kemm il-Liġi miktuba u kemm dik orali ngħataw minn Alla lil Mosè fuq is-Sinaj. Mal-interpretazzjoni u l-eseġeżi tal-Liġi (ħalakah), l-imgħallma taw interpretazzjoni tal-Iskirtturi li fihom ħarġu tifsiriiet ġodda (ħaggadah) li saħħew l-ispekulazzjoni teoloġika tagħhom. Dawn inġabru fil-kummentarji rabbiniċi (Midraxim) u fit-Talmud.

Ta' interess huma l-Midraxim narrativi li jsibu l-għeruq tagħhom fil-priedki magħmula mill-Amorajim fis-sanagogi. Ngħidu aħna, fil-Midrax Rabbah insibu kummentarju fuq l-ewwel ħames kotba tal-Iskritturi Lhud, kif ukoll fuq il-Kotba ta' Rut, l-Għanja tal-Għanjiet, il-Lamentazzjonijiet, Bin Sirak u Ester. Minn dawn il-kitbiet wieħed jista' jislet it-temi l-aktar għeżież għat-teoloġija rabbinika: l-unità ta' Alla, li jissejjaħ b'diversi ismijiet fl-Iskrittura, u l-omnixjenza tiegħu, l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin, u b'mod partikulari għall-poplu tiegħu msejjaħ għal rwol uniku fil-pjan ta' mħabbtu; l-importanza kbira tat-Torah, meqjusa bħala strumentali fil-ħolqien u li ddawwal il-fidi f'ħajja ġdida wara l-mewt; ir-rieda ħielsa tal-bniedem quddiem il-pjan ta' Alla. Ma' dawn it-temi fundamentali l-kitbiet rabbiniċi jitkellmu wkoll fuq it-talb, il-martirju, l-imħabba, il-maħfra, il-karità, l-indiema u l-paċi.

Fil-kitbiet rabbiniċi wieħed isib interpretazzjoni eseġeżi diretta u indiretta. Dik diretta meta silta mill-Iskritturi Lhud tkun ikkumentata minn stqarrija u dik indiretta meta silta mill-Iskrittura tintuża biex tagħti raġun u ssaħħah stqarrija.

Meta wieħed iġib quddiem għajnejh l-għana tal-interpretazzjoni Lhudija tal-Iskritturi mal-ewwel jinduna kemm din l-Iskrittura kienet titqies bħala qaddisa. Wieħed jifhem għaliex l-Iskrittura saret il-pern u l-għajn tal-ħajja kollha kemm hi għal min xtaq ilaqqam l-eżistenza tiegħu fir-rivelazzjoni ta' Alla ta' Abraham, Iżakk u Ġakobb, rivelazzjoni dejjem ġdida u attwali fi ħdan il-Ġudajiżmu.



# LI TEMMEN: KUNDIZZJONI GĦAD-DIXXIPULAT FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Prof Martin Micallef*

Li temmen – bil-Grieg: *pisteuo* – huwa wieħed mill-verbi l-aktar użati fl-Evanġelju skont San Ġwann. Dan il-verb, fil-fatt jissemma 98 darba f'dan l-Evanġelju, b'differenza għall-Evanġelji Sinottiċi fejn huwa użat sitt darbiet fl-Evanġelju skont San Mattew; ħames darbiet fl-Evanġelju skont San Mark; u ħdax-il darba fl-Evanġelju skont San Luqa.[1] F'dan l-istudju sejrin nisiltu sitt testi mill-Evanġelju skont San Ġwann li fihom jissemma dan il-verb bħala kundizzjoni għad-dixxipulat.

## Li temmen bħala parti mid-djalogu ta' Ġesù ma' Nikodemu (Ġw 2:23-3:21)

Il-frażi li tikkonkludi l-ewwel parti tad-djalogu bejn Ġesù u Nikodemu hija magħmula f'forma ta' kundizzjoni u f'paralleliżmu antitetiku fejn "il-ħwejjeġ tal-art" huwa murija f'kuntrast ma' "l-ħwejjeġ tas-sema," filwaqt li "min ma jemminx" hu mqiegħed f'kuntrast ma' "min jemmen." "Jekk intom ma temmnux meta nitkellem magħkom fuq il-ħwejjeġ tal-art, kif sejrin temmnu meta nkellimkom fuq il-ħwejjeġ tas-sema?"[2]

F'din il-mistoqsija magħmula minn frażi doppja kundizzjonali,[3] il-verb 'temmen' jissemma darbtejn u jenfasizza l-paralleliżmu antitetiku tal-mistoqsija. Mhux faċli nifhmu x'kien qed ifisser Ġesù bl-espressjoni "il-ħwejjeġ tal-art" u "l-ħwejjeġ tas-sema." Xi wħud iżommu li tal-ewwel tirreferi għall-elementi fiżiċi bħalma hu r-riħ jew it-twelid naturali, li fuqhom Ġesù kien diġà tkellem ma' Nikodemu, filwaqt li tat-tieni tirreferi għat-twelid ġdid li Ġesù jsemmi lil Nikodemu u li dwaru Nikodemu ma fehemx.[4]

## Li temmen fil-ġrajja tal-fejqan ta' bin l-Uffiċjal (Ġw 4:46-54)

Fir-rakkont tal-fejqan ta' Bin l-Uffiċjal naqraw li meta l-Uffiċjal sema' li Ġesù mar il-Galilija, huwa mar jiltaqa' ma' Ġesù biex jitolbu jfejjaqlu lil ibnu li kien wasal biex imut.[5] Filwaqt li t-talba tal-Uffiċjal tiġi ppreżentata f'forma ta' diskors indiret, naqraw li fid-djalogu qasir li jsir, Ġesù jagħmel intervent verbali doppju. Fil-bidu ta' dan id-djalogu, Ġesù jibda b'nota ta' twissija ppreżentata f'forma ta' mistoqsija: "Jekk ma tarawx sinjali u għeġubijiet ma temmnux!"[6]

L-użu tal-verb "tara" f'din it-twissija li Ġesù jagħti lill-Uffiċjal jgħaqqad l-atteġjament tal-Uffiċjal ma' dak tal-Gallilin li lil Ġesù "laqgħuh tajjeb billi lkoll *raw* kulma kien għamel f'Ġerusalem f'jum il-festa."[7] L-istess konklużjoni niltaqgħu magħha fil-konklużjoni tal-ġrajja tat-tkattir tal-ħobż fejn naqraw: "Għalhekk dawn in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: 'Dan hu tassew il-Profea li għandu jiġi fid-dinja!' Imma meta Ġesù ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors ħalli jagħmluh sultan, raġa' warrab waħdu lejn l-għoljiet."[8] B'dan il-mod nistgħu nikkonkludu, li meta l-verb "tara" jintuża bħala l-oġġett tat-terminu "sinjal," dan mhux bil-fors



*Ġesù u Nikodemu*

jiddeskrivi mġiba pożittiva minn dan l-Evanġelista.[9]

Il-verb "temmen" li jissemma tliet darbiet f'dan ir-rakkont, mela, ma jiddeskrivix il-fidi matura u awtentika, iżda biss l-entużjażmu reliġjuż mibni fuq fenomini straordinarji.[10] L-istess verb jintuża f'relazzjoni mal-kelma mtennija dwar is-sitwazzjoni ta' din l-iben: "Ġesù qallu: 'Mur, ibnek ħaj.' Ir-raġel *emmen* il-kelma li qallu Ġesù u telaq."[11] Huwa biss it-tielet użu ta' dan il-verb li jindika l-fidi adulta li talab Ġesù minn dan ir-raġel: "Il-missier intebah li dan kien il-ħin meta Ġesù qallu: 'Ibnek jgħix,' u *emmen* hu u l-familja kollha tiegħu."[12]

## Li temmen fid-diskors li jsegwi l-miraklu tal-fejqan ta' raġel marid (Ġw 5:19-47)

Wara l-miraklu tar-raġel paralitiku,[13] u tad-diskussjoni mal-kapijiet tal-Lhud,[14] insibu diskors twil ta' Ġesù[15] li matulu huwa jitratta t-tema tal-ħidma tiegħu u tal-Missier[16] u wara dik tax-xhieda.[17] Id-diskors ikompli billi jattakka lil dawk li ma emmnux f'Ġesù.[18] F'din l-aħħar parti tad-diskors tiegħu, Ġesù jagħmel dikjarazzjoni doppja: "Jiena ġejt f'isem Missieri, u intom ma lqajtunix; jekk ħaddieħor jiġi f'ismu stess, intom tilqgħuh."[19] L-espressjoni "ġejt f'isem Missieri," tindika mhux biss l-oriġini tal-mandat tiegħu, imma wkoll l-istil li bih kellu jaħdem. Ġesù jitkellem fl-isem tal-Missier sabiex jakkredita l-missjoni tiegħu. F'dan id-dawl, nistgħu nifhmu kif huwa joħloq kuntrast bl-użu tal-espressjonijiet "ġejt f'isem Missieri" – espressjoni li tiddeskrivi il-Kristoloġija ta' dak li hu mibgħut b'mod leġittimu[20] – u "jiġi f'ismu stess," espressjoni li tiddeskrivi il-profeta falz.[21]

Ġesù jakkuża l-kapijiet għall-fatt li ma aċċettawhx, filwaqt li jibqa' juża l-verb "tilqa'" – bil-Grieg: *lambano.*[22] Din l-akkuża tintemm bit-tħabbira li ma kienx hu li ser jakkużahom, imma Mosè,[23] figura li fil-letteratura Lhudija huwa idealizzat.[24] Dan il-kliem hu segwit bis-sentenza finali: "Għax kieku kontu temmnu lil Mosè kontu temmnu lili wkoll, għax Mosè fuqi kiteb. Imma jekk intom ma temmnux dak li kitbilkom hu, kif se temmnu dak li ngħidilkom jien?"[25]

Dan ir-raġunament hu espress permezz ta' żewġ kundizzjonijiet. Fl-ewwel waħda, il-verb 'temmen' hu ripetut darbtejn: "Għax kieku kontu *temmnu* lil Mosè, kontu *temmnu* lili wkoll." Fit-tieni waħda, il-verb 'temmen' huwa ppreżentat fin-negattiv: "Imma jekk intom *ma temmnux* dak li kitbilkom hu, kif se *temmnu* dak li ngħidlkom jien?"[26] Iż-żewġ kundizzjonijiet huma magħmula f'forma simetrika: il-figura ta' Mosè hija parallela mal-kitbiet tagħhom, dik ta' Ġesù hija parallela mal-kliem tiegħu. F'kelma oħra, Ġesù jakkuża lil dawk li kienu kontrih u jurihom li kemm hu kif ukoll Mosè, kienu fuq l-istess linja, hekk kif it-tnejn li huma kienu rċevew mandat mingħand Alla.

L-affermazzjoni dwar l-Iskrittura, f'referenza għal Ġesù, mhijiex biss valutazzjoni komplessiva fuq l-attività tiegħu kif inhija reġistrata fit-tradizzjoni biblika sabiex turi l-figura tal-Midluk, imma hija wkoll riferiment preċiż għat-test mid-Dewteronomju.[27] B'dan il-mod, Ġesù juri kif il-kburija tal-kapijiet tal-Lhud, mibnija fuq il-figura ta' Mosè, kienet waħda falza. Jekk il-kapijiet ma emmnux l-Iskrittura, huwa ċar li ma kinux se jemmnu lanqas il-kliem ta' Ġesù. Kieku huma emmnu lil Mosè, kienu jemmnu wkoll lil Ġesù. Ir-raġuni għal dan hija għaliex Mosè kien kiteb fuq Ġesù.[28]

## It-twemmin fid-dibattitu waqt il-festa tal-Għerejjex (Ġw 8:12-59)

Fit-tieni parti tad-dibattitu bejn Ġesù u l-kapijiet tal-Lhud waqt il-festa tal-Għerejjex,[29] wara l-polemika

fuq it-tema tax-xhieda,[30] tkompli d-diskussjoni[31] bit-tħabbira tat-tluq ta' Ġesù li tiġi interpretata bħala pjan ta' suwiċidju. Ġesù, għalhekk jagħti r-raġuni vera l-għala huma ma setgħux jimxu warajh, raġuni mogħtija f'forma ta' kundizzjoni: "Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. *Għax jekk intom ma temmnux li jiena hu*, tmutu fi dnubietkom."[32] F'din il-frażi kundizzjonali, il-verb "tmutu" – bil-Grieg: *apothnesko* – iħabbar il-mewt ta' dawk li kienu qed jisimgħuh minħabba dnubiethom. Aktar kmieni fin-narrattiva, naqraw kif meta l-Battista ppreżenta lil Ġesù, afferma: "Araw, il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja."[33] It-terminu "dnub" – bil-Grieg: *hamartia* – iservi sabiex jitkellem fuq in-nuqqas ta' twemmin f'Ġesù bħala l-mibgħut ta' Alla.[34] Din is-sitwazzjoni twassal għall-mewt minħabba n-nuqqas ta' din ir-relazzjoni fundamentali ma' Ġesù li jagħti l-ħajja, kuntrarju għad-dnub li jwassal għall-mewt.

Il-verb "tmutu" f'dan l-Evanġelju, hu mqiegħed fuq fomm Ġesù, f'rabta mal-falliment ta' nuqqas ta' fidi.[35] Ġesù, fil-fatt jafferma: "Tassew tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja,"[36] kif ukoll: "Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."[37] Bil-kuntrarju ta' dan, Ġesù jgħid ukoll lill-Fariżej: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub, imma issa qegħdin tgħidu, 'Aħna naraw.' Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom."[38]

It-tieni parti ta' din id-diskussjoni fil-Kapitlu 5[39] hija magħmula minn djalogu mimli polemika li fih dawk li kienu qed jiddiskutu ma' Ġesù jintervjenu tliet darbiet biex jaffermaw l-ewwel id-dixxendenza tagħhom minn Abraham,[40] u wara minn Alla.[41] Min-naħa l-oħra, Ġesù jikxef il-maskra tal-proġett tagħhom li riedu joqtluh,[42] u jistedinhom sabiex jagħmlu l-opri ta' Abraham.[43] L-inkapaċità tagħhom li jifhmu l-linwaġġ ta' Ġesù isib tweġiba fil-fatt li huma ma tawx każ ta' kliemu.[44] Il-motivazzjoni ta' dan ir-rifjut jikkonsisti li għandhom lix-xitan bħala missierhom u li riedu jwettqu x-xewqat tiegħu.[45]

Żewġ mistoqsijiet rettoriċi jikkonkludu din is-sezzjoni: "Minn minnkom jipprova li jien għandi xi dnub? Jekk jiena ngħid il-verità, l-għala ma temmnunix?"[46] Dawn iż-żewġ mistoqsijiet huma marbuta mat-tema tal-oriġini divini ta' Ġesù, rekwiżit sabiex dawk li kienu qed jiġu akkużati jisimgħu kliemu: "Hu għalhekk li intom ma tisimgħux, għax m'intomx minn Alla."[47] Ġesù hawnhekk jippreżenta ipotesi doppja marbuta mal-missjoni tiegħu: jew li huma jibqgħu jgħidu li huwa midneb jew inkella jaċċettaw li huwa bniedem li jgħid il-"verità" – bil-Grieg: *aletheia* – kelma li tintuża spiss f'dan l-Evanġelju[48] u li fid-dinja reliġjuża antika tikkorrispondi għal Alla.

It-tema tas-"smigħ," tema tradizzjonali fil-letteratura tat-Testment il-Qadim, hija wkoll użata spiss fit-teoloġija ta' dan l-Evanġelju.[49] Dan l-atteġġjament, li fit-tradizzjoni biblika jiddistingwi lil dawk li jemmnu, jitqiegħed f'kuntrast man-nuqqas ta' smigħ tal-kelma ta' Ġesù. Bħala konsegwenza għal dan, wieħed ma jasalx biex jifhem l-oriġini divini ta' Ġesù u allura t-tifsira tal-messaġġ u l-missjoni tiegħu. Il-premessa li Ġesù hu dak li jgħid il-verità għandha mela, bħala konsegwenza, l-fidi li hija d-don li jirċevuh biss dawk li ġejjin minn Alla.

## It-twemmin fil-qawmien ta' Lazzru (11:1-54)

Fl-aħħar parti tar-rakkont tal-qawmien ta' Lazzru, naqraw li meta Ġesù wasal ħdejn il-qabar ta ordni biex ineħħu l-ġebla tal-qabar. Marta, iżda toġġezzjona minħabba l-istat jintenn tal-katavru ta' ħuha.[50] Id-djologu qasir jagħlaq b'mistoqsija negattiva li fiha Ġesù jqiegħed il-fidi bħala

kundizzjoni sabiex wieħed jara l-glorja ta' Alla: "Qalilha Ġesù: 'Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?'"[51] F'dan il-kliem jidher li Ġesù kien qed jirreferi għal dak li huwa kien diġà qal lil Marta, għalkemm fil-verità huwa ma kienx uża dan l-istess kliem imma: "Jiena hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix."[52]

Il-verb "tara" – bil-Grieg: *opaw* – bħala parti mill-mistoqsija ta' Ġesù lil Marta – "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, *tara* l-glorja ta' Alla?" – jagħmel referenza għall-esperjenza tal-fidi fil-vokabularju ta' dan l-Evanġelista.[53] Aktar minn hekk, is-sekwenza tal-verbi "tara" u "temmen" f'din l-istess sentenza, insibuha użata wkoll f'postijiet oħra f'dan l-istess Evanġelju sabiex turi t-triq tal-fidi. Hekk pereżempju, fil-konklużjoni tar-rakkont tal-qabar vojt, naqraw kif id-dixxiplu l-maħbub "ra u emmen,"[54] filwaqt li Tumas jafferma: "Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer, u ma nqegħidx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx."[55] Ġesù jwieġeb lil dan tal-aħħar: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu."[56]

X'rabta hemm mela bejn il-glorja u l-fidi bħala parti mil-kliem li Ġesù jgħid lil Marta: "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?'" F'dawn il-kliem naraw il-kawża u l-effett: li emmen hija l-kundizzjoni biex tesperimenta l-glorja ta' Alla, f'dan il-każ, l-intervent tal-qawmien ta' Lazzru.

## Temmen fil-konklużjoni tal-Ktieb tas-Sinjali (Ġw 12:37-50)

It-test li jagħlaq dak li hu magħruf bħala *Il-Ktieb tas-Sinjali* u allura l-ħajja pubblika ta' Ġesù, hu maqsum f'żewġ partijiet: Ġw 12:37-43 u Ġw 12:44-50. It-tieni parti tibda b'nota li faċilment taqbżilna: "Ġesù għolla leħnu u qal,"[57] nota li tassumi it-ton tar-rivelazzjoni jew manifestazzjoni divina.[58]

L-ewwel żewġ sentenzi huma mibnija f'paralleliżmu ma' xulxin: "Min jemmen fija .../ Min jara lili ..."[59]


*Ġesù jfejjaq raġel fil-menqa ta' Betesda*

Dan il-paralleliżmu għandu l-għan li joħroġ aktar il-figura ta' Ġesù u dik tal-Missier, u fl-istess ħin iqiegħed f'relazzjoni il-verb "li temmen" ma' li "tara." Kuntrarju għal dan, hawnhekk naqraw ukoll: "Min jemmen fija *jkun jemmen mhux fija imma f'min bagħatni*; u min jara lili *jkun qiegħed jara lil min bagħatni*."

Wara dan, Ġesù jagħmel użu minn frażi li tiddeskrivi l-missjoni tiegħu fid-dinja bħala missjoni ta' dawl: "Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam."[60] Il-verb "ġejt" – bil-Grieg: *erkomai* – li jagħmel parti minn dan il-kliem ta' Ġesù –jindika l-preżenza tad-dawl fl-istorja, u allura jagħmel parti wkoll mill-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju. Dan minħabba li dan il-verb jintuża biex juri minn fejn ġie Ġesù u fejn kien sejjer Ġesù, il-*logos* inkarnat.

## Konklużjoni

Dawn is-sitt testi mill-Evanġelju skont San Ġwann li ħarisna lejhom f'dan l-istudju jkomplu jgħinuna napprezzaw iċ-ċentralità tal-użu tal-verb "temmen" f'dan l-Evanġelju. Dan il-verb jintuża bħala rekwiżità għal dawk li tassew iridu jimxu wara Ġesù. Fl-istess ħin, dan l-Evanġelisa jagħmel użu minn dan l-istess verb fin-negattiv biex juri li dawk li ma ridux jemmnu, kienu qed iċaħħdu lilhom infushom mid-don tal-ħajja jew tas-salvazzjoni, marbut mal-figura ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla, dak li ġie mingħand il-Missier.

## Referenzi

1 Ara Per M. Jerumanis, Réaliser la communion avec Deiu. Croire, vivre et demeurer dans l'évangele selon S. Jean. Études Bibliques Nouvelle Série 32 (Paris: Librairie Gabalda,1996), 58-61.

2 Ġw 3:12.

3 Douglas Estes, The Questions of Jesus in John. Logic, Rhetoric and Persuasive Discourse. Biblical International Series 115 (Leiden: Brill, 2013), 89-97, jistudja l-forom varji ta' mistoqsijiet li nsibu fl-Evanġelju skont San Ġwann, inkluż din li nsibu fi Ġw 3:12. Ara wkoll, Lorenzo Fiori, Le domande del Vangelo di Giovanni. Analisi narrativa delle questioni presenti in Gv 1-12. Studi e Ricerche - Sezione biblica (Assisi: Cittadella, 2013), 167-210.

4 Ara Santi Grasso, Il Vangelo di Giovanni: Commento esegetico e teologico (Roma: Città Nuova, 2008), 158-159. Għall-eżempji oħra mill-Bibbja fuq dan l-istess ħsieb, ara Craig, S. Keener, The Gospel of John: A Commentary (Grand Rapids/MI: Baker Academy, 2003): 1:559-560.

5 Ara Ġw 4:47.

6 Ġw 4:48. Il-kelma "sinjali" – bil-Grieg: semeia – tintuża daqs għaxar darbiet f'dan l-Evanġelju. Ara Ġw 2:11.23; 4:48.54; 6:2.14.26; 12:18.37; 20:30. Sebgħa minn dawn l-okkażjonijiet, il-kelma "sinjali" hija mqegħda fuq fomm xi personaġġ: tal-'Lhud' (Ġw 2:18); ta' Nikodemu (Ġw 3:2); tal-folla (Ġw 6:30; 7:31); tal-Fariżej (Ġw 9:16); tal-kotra (Ġw 10:41); tal-Qassisin il-Kbar u l-Fariżej (Ġw 11:47). Din il-kelma tiddeskrivi l-azzjonijiet magħmula minn Ġesù fl-ewwel parti tal-Evanġelju, jiġifieri mill-Kapitlu 1 sa 12. Ara Gilbert Van Belle, The Signs Source in the Fourth Gospel. Historical Survey and Critical Evaluation of the Semeia Hypothesis. Bibliotheca Ephemeridum Theologicarum Lovaniensium 116 (Leuven: Peeters, 1994). Ħafna drabi, dawn is-sinjali huma interpertati b'mod superfiċjali (ara Ġw 4:48; 6:14.30; 7:31; 10:41; 11:47; 12:18.37), filwaqt li s-sinjali li bihom Ġesù kien qed jirrivela lilu nnifsu, kienu jitolbu sforz biex jiġu interpretati fuq livell ieħor, jiġifieri f'rabta mal-missjoni

tiegħu bħala l-Mibgħut tal-Missier. F'kelma oħra, dawn il-mirakli jew sinjali ma kellhomx iwasslu sempliċiment għall-mistoqsija ta' "x'ġara?" daqskemm "x'ifissru?"

7 Ġw 4:45.

8 Ġw 6:14-15.

9 Ġw 20:29. Li temmen f'rabta mas-sinjali insibuha wkoll fi Ġw 2:23; 4:48.53; 6:30; 7:31; 10:41-42; 11:47-48; 12:37; 20:30-31. Xi wħud mill-istudjużi jżommu li l-awtur ta' dan l-Evanġelju imaqdar il-fidi mibnija fuq is-sinjali (ara Ġw 2:23-25; 20:29) għaliex il-fidi vera trid tkun mibnija fuq il-kelma. Ara Francis Grob, Faire l'oevre de Deiu. Christologie et éthique dans l'Évangile de Jean. Etudes d'Histoire et de Philosophie Religieuses 68 (Paris: P.U.F. 1986), 50-55. Studjużi oħra iżda jargumentaw li meta nqisu dak li naqraw fi Ġw 20:30-31, is-sinjali jwasslu għall-fidi. Ara Udo Schnelle, Antidocetic Christology in the Gospel of Jhon. An Investigation of the Place of the Fourth Gospel in the Johannine School (Minneapolis: Fortress, 1992),164. Craig Koester, "Hearing, Seeing and Believing in the Gospel of John," Biblica 70 (1989): 327-348, jargumenta li biex nifhmu r-rabta bejn is-sinjali u l-fidi rridu nqisu x'tgħid in-narrattiva dwar ir-relazzjoni ta' diversi personaġġi li jissemmew f'dan l-Evanġelju.

10 Ara Craig R. Koester, "Jesus' Resurrection, the Signs, and the Dynamics of Faith in the Gospel of John," in The Resurrection of Jesus in the Gospel of John, eds Craig R. Koester and Reimund Bieringer. Wissenschaftliche Untersuchungen zum Neuen Testament 229 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2008), 58-59, jinnota li filwaqt li fil-fejqan ta' bin l-Uffiċjal tintalab il-fidi bħala premessa għall-miraklu, fil-każ tal-fejqan tar-raġel paralitiku fi Ġw 5, dan jiġi mfejjaq mingħajr din il-premessa.

11 Ġw 4:50.

12 Ġw 4:53.

13 Ara Ġw 5:1-9.

14 Ara Ġw 5:19-18.

15 Ara żġw 5:19-47.

16 Ara Ġw 5:19-30.

17 Ara Ġw 5:31-40.

18 Ara Ġw 5:41-47.

19 Ġw 5:43.

20 Ara Ġw 8:42; 10:25.

21 Ara Dewt 18:20.22; Ġer 14:14-15; 23:25; 29:9.31.

22 Dan il-verb jagħmel parti mill-vokabularju tal-fidi ta' dan l-Evanġelju u jintuża ukoll sabiex jindika kemm dawk li laqgħu, kif kif ukoll dawk li ma laqgħuhx lil Ġesù (ara Ġw 1:12; 5:43; 13:20; 17:8), dawk li jilqgħu ix-xhieda (Ġw 3:11.32.33; 5:34), il-kelma (Ġw 12:48; 17:8), l-Ispirtu (Ġw 7:39; 20:22). L-iskema li ma tilqgħax/tilqa' hija ppreżentata diġà fil-Prologu "Ġie f'daru imma niesu ma laqgħuhx, imma lil dawk li laqgħuhx tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla" (Ġw 1:11-12).

23 Ġw 5:45.

24 Ara Stan Harstine, Moses as a Character in the Fourth Gospel: A Study of Ancient Reading Techniques. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 229 (London: Continuum Sheffield Academic Press, 2002), 50-53; 73-74; 161-163, jafferma li fil-Ġudaiżmu, Mosè kien sar figura leġġendarja. Il-Lhud fil-fatt, kienu jittamaw f'Mosè, hekk kif kienu jaraw fih l-interċessur kbir tagħhom. Kien Mosè li talab lill-Mulej sabiex jagħti l-maħfra, bħalma ġara fil-każ tal-għoġol tad-deheb (ara Eż 32:11-14.30-33); u f'sitwazzjonijiet oħra ta' ribelljoni (ara Num 14:19-20; 21:7).

25 Ġw 5:46-47. Il-verb "kiteb" – bil-Grieg: grapho

– kważi dejjem jintuża fl-Evanġelju skont San Ġwann f'riferiment għall-Iskrittura u anke f'rabta ma' Mosè. Ara Ġw 1:45; 2:17; 5:46; 6:31.45; 8:17; 10:34; 12:14.16; 15:25.

26 Ġw 5:47.

27 Ara Dewt 18:15.

28 Ara Ġw 5:46.

29 Ara Ġw 8:12-59.

30 Ara Ġw 8:12-20.

31 Ara Ġw 8:21-30.

32 Ġw 8:24.

33 Ġw 1:29; ara wkoll Ġw 1:36.

34 Ara Ġw 16:8-9.

35 Ara Ġw 6:49.50.58.

36 Ġw 5:24.

37 Ġw 11:25-26.

38 Ġw 9:41.

39 Ara Ġw 8:31-47.

40 Ara Ġw 8:33.39.

41 Ara Ġw 8:41.

42 Ara Ġw 8:34-38.

43 Ara Ġw 8:39-41.

44 Ara Ġw 8:43.

45 Ara Ġw 8:44.

46 Ġw 8:46.

47 Ġw8:47.

48 It-terminu "verità" insibuh użat pereżempju f'espressjonijiet bħal "il-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu" (Ġw 1:17); "ngħid il-verità" (Ġw 8:45.46; 16:7); "ta xhieda għall-verità" (Ġw 5:33; 18:37); "Jiena l-Verità" (Ġw 14:6); "tagħmel is-sewwa" (Ġw 3:21); "tagħrfu l-verità" (Ġw 8:32); "nixhed għall-verità" (Ġw 18:37); "tagħrfu l-verità" (Ġw 8:32); "żamm fil-verità" (Ġw 8:44); "fl-Ispirtu u l-verità" (Ġw 4:24); "l-Ispirtu tal-Verità" (Ġw 14:17; 15:26; 16:13); "iwassalkom għall-verità" (Ġw 16:13); "qaddiskom permezz tal-verità" (Ġw 17:17.19); "il-kelma tiegħek hi l-verità" (Ġw 17:17). Ara G. Segalla, "La forma cristologica della verità nella letteratura giovannea," Studia Patavina 47 (2000): 87.

49 Ara pereżempju Ġw 5:24-25.

50 Ara Ġw 11:39.

51 Ġw 11:40. Per D. Estes, The Questions of Jesus in John. Logic, Rhetoric and Persuasive Discourse. Biblical International Series 115 (Leiden, London: 2013), 152-155, jittratta din il-mistoqsija negattiva

52 Ġw 11:24.25.

53 Ara Ġw 6:30.

54 Ġw 20:8.

55 Ġw 20:25.

56 Ġw 20:29.

57 Ġw 12:44.

58 Ara Ġw 7:28.37. Fil-kumplament ta' dak li naqraw hawn, niltaqgħu mat-temi l-kbar li bnew l-ewwel parti ta' dan l-Evanġelju: bħalma hi t-tema li temmen, il-mibgħut, li tara, id-dawl, id-dinja, id-dlam, li tisma', il-kundanna, it-tħabbira, l-aħħar jum, ir-rivelazzjoni, il-kmandament, il-ħajja.

59 Ġw 12:44-45.

60 Ġw 12:46. Din id-dikjarazzjoni mhijiex ġdida f'dan l-Evanġelju, hekk kif diġà fil-Prologu, l-awtur jikkwalifika lil logos b'din ix-xbieha tad-dawl (ara Ġw 1:4), u jasserixxi li d-dawl ġie fid-dinja (ara Ġw 1:9). Fil-kumplament tan-narrativa, l-awtur ikompli jespandi fuq din it-tema tad-dawl f'rabta ma' Ġesù (ara pereżempju, Ġw 3:19-21; 8:12; 9:5; 11:9-10; 12:35-36). Din issa hija l-aħħar darba li f'dan l-Evanġelju niltaqgħu ma' dan is-simbolu tad-dawl, mhux b'kumbinazzjoni hekk kif dan it-test fil-Kapitlu 12 għandu l-għan li jiġbor fih it-temi l-kbar tal-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju.

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2025

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2025



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt